**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef David Scicluna – Aġent President**
**Onor. Imħallef Abigail Lofaro**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 28 ta' Jannar 2016**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 38/2007**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Christian sive Chris Grech**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Settembru 2007 kontra **Christian sive Chris Grech** li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkużah talli (1) assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni; (2) kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta

*Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża kontra l-liġi, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-25 ta' Marzu 2010 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih b'sitt (6) voti favur u bi tlieta (3) voti kontra sabu lill-imsemmi Christian sive Chris Grech hati skond l-ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza w b'seba' (7) voti favur u b'żewġ (2) kontra sabuh hati skond it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat għalhekk lill-istess Cristian sive Chris Grech ħati talli:

(1) fit-18 ta' Mejju 2006, u matul ix-xahar ta' qabel, assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża;

(2) fit-18 ta' Mejju 2006 u x-xahar ta' qabel, kellu fil-pussess tiegħu d-droga raża meħuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika it-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtoriżżat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wieħed taħt tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tieghu, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 9, 10(1), 12, 14(1), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39), u l-artikoli 17(h), 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati Christian sive Chris Grech għall-piena ta' tnax-il sena priġunerija, u għall-multa komplessiva ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita f' terminu ulterjuri ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija kif ukoll li jħallas is-somma ta' elf ħames mija u sebgħa u għoxrin Euro u ħamsa u sebgħin Euro ċenteżmi (€1527.95) import ta' l-ispejjeż tal-perizji, li pero` ma jinkludux l-

ispejjeż tal-perizja ta' Joseph Zammit, li ma saritx użu minnha f'dan il-proċess quddiem din il-Qorti. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli oħra tal-ħati. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota – li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata – li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-ispiżjar Mario Mifsud u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' dik il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-ħati. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, u kkunsidrat is-segwenti:

> "Qieset is-sottomissjonijiet KOLLHA tal-abbli difensur Dr. Emanuel Mallia, li jinsabu kollha registrati w senjatament, is-segwenti :-
>
> 1. li l-fedina penali tal-hati kienet wahda nettissima;
>
> 2. li ghandu jsehh l-assorbiment tar-reat taht l-Ewwel Kap fir-reat taht it-Tieni Kap ghall-fini tal-piena;
>
> 3. li ghandu jinzamm proporzjon fil-piena ma' sentenzi ohra ta' din il-Qorti fejn l-ammont u l-kwalita` tad-droga kien simili ghal dak maqbud f'dan il-kaz.
>
> "Qieset dak li qal l-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja w cioe` illi kien jaqbel mal-konsiderazzjonijiet esposti mill-abbli difensur u ghalhekk il-Qorti kellha timxi fuq il-"bench marks" taghha stess fl-erogazjoni tal-piena.
>
> "Qieset ukoll illi r-reat taht l-Ewwel Kap f'dan il-kaz partikolari, serva bhala mezz biex sar ir-reat kontemplat fit-Tieni Kap u ghalhekk skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat taht it-Tieni Kap.
>
> "Qieset li l-piena ghar-reat ta' pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu meta l-kaz jigi deciz minn din il-Qorti hija ta' prigunerija ghall-ghomor u l-multa relattiva ta' mhux inqas minn €2,329.37 izda mhux izjed minn €116,468.67, izda meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, kif ukoll meta l-Qorti tkun tal-fehma li l-kwantita` tal-medicina involuta fir-reat u c-cirkostanzi kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghal dik ta' ghomor ma tkunx dik xierqa, il-persuna misjuba hatja tkun suggetta ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn Euro 2,329.37 izda mhux izjed minn Euro 116,468.67.

> "Illi fi sforz biex kemm jista' jkun izzomm relativita` ma' sentenzi ohra taghha fejn il-kwalita` tad-droga kienet l-istess u fejn il-kwantita` taghha kienet piu o meno simili w fejn instabet htija mill-gurija w ma kienx applikabbli l-artikolu 29, il-Qorti thoss li l-piena f'dan il-kaz ghandha tkun ikkalibrata fuq il-bazi tas-sentenza taghha fil-kawza **r-Repubblika ta' Malta vs Anthony Seychell [05.03.2008]** fejn si trattava ta' sejbien ta' htija fir-rigward ta' 3,500 grammi tad-droga cannabis, liema sentenza giet konfermata fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fit-12 ta' Marzu, 2009."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Christian sive Chris Grech ippreżentat fl-14 ta' April 2010 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi u f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-liġi; rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali; rat l-atti l-oħra tal-kawża; rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti diversament komposta; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma li kien hemm irregolarita` matul il-kawża, kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-liġi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett u li huwa ġie misjub ħati ħażin fuq il-fatti.

**6.** **<u>Fl-ewwel lok</u>** l-appellant jgħid illi kien hemm irregolarita` waqt il-proċeduri li seta' kellha effett fuq il-verdett ta' ħtija, żgur għall-anqas għal dak li jirrigwarda l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuża, in konnessjoni ma' dak li allegatament ġara ħdejn il-gabbana tal-ġelati ġo Baħar iċ-Ċagħak, meta l-prosekuzzjoni naqset milli tinġunġi x-xhieda li setgħu raw l-allegat kuntatt bejn l-appellant u żewġ persuni oħra f'vettura Kia Avella ħadra. L-appellant jissottometti:

> "Kif diga` intqal fil-parti ta' dan ir-rikors taht fatti fil-qosor, il-Pulizija kellha tlett *units* postati fejn suppost kellha informazzjoni li ser isir *deal* ta' droga, cioe` vicin gabbana tal-gelati li tinsab go Bahar ic-Caghaq. Il-buon sens jiddetta illi l-pulizija kienet qed taghmel dan kollu sabiex jigi ezercitat dritt li ghandha l-Pulizija Esekuttiva bil-Ligi, li ma thallix isiru reati. Il-buon sens ikompli jiddetta illi l-pulizija kienu qeghdin jinnotaw dan kollu sabiex ikunu jew jistghu iwaqqfu milli jsir ir-reat, jew ghall-lanqas ikollhom il-provi li jkun sar reat u jgibu lill-hatjin quddiem awtorita` gudizzjarja.
>
> "L-ispettur Grixti xehed illi minn fejn kien postat hu, ma setax jara x'kien qed jigri hdejn il-gabbana tal-gelati. Pero` minghajr titubanza jixhed illi l-*unit* ta' Neil Harrison, li kien wara Angelo's Bar seta' jara facilment l-intorni tal-gabbana tal-gelati u fil-fatt hu kien ra *video recording* li kien ittiehed minn dan il-*unit*.
>
> "L-istess ghandu jinghad ghal *unit* iehor li kien wara 1-gabbana tal-gelati hdejn bini mal-genb, aktar l'isfel minn wara tal-*Splash and Fun*.

"L-ebda pulizija minn dawn iz-zewg *units* ma gie ingunt mill-Pulizija fl-Istruttorja biex jiddeponi dwar dan l-allegat kuntatt, li ssemma diversi drabi li sar vicin il-gabbana tal-gelati suppost mill-akkuzat u zewg persuni ohra f'vettura Kia Avella hadra.

"Dan l-allegat kuntatt kien il-bazi f'dan il-kaz tal-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni ghall-allegat reat ta' Assocjazzjoni.

"Dawn il-pulizija imsemmija, inkluz Neil Harrison ma gewx indikati mill-Avukat Generali fin-nota mehmuza mal-Att ta' l-Akkuza fejn hu indika l-ismijiet tax-xhieda li hu bi hsiebu jingungi in sostenn tal-akkuzi migjuba kontra l-esponent. Ma hemm l-ebda ombra ta' dubju illi sew il-pulizija u l-ufficcju tal-Avukat Generali kellhom snin sabiex ikollhom l-opportunita` li, kif isir is-soltu, izommu affjatament bejniethom dwar dan il-kaz. Mela dan in-nuqqas li jingungu dawn ix-xhieda u jgibu dawn il-provi, ma kienx dovut ghal xi nuqqas ta' zball genwin, izda dan kien nuqqas li jharku dawn ix-xhieda deliberatament.

"Hu principju fondamentali li kull persuna akkuzata b'reat kriminali hija mill-Ligi stess meqjusa innocenti. Isegwi illi akkuzat ma ghandu ghalfejn jipprova xejn; sahansitra ghandu d-dritt li jista' jaghzel li ma jixhidx fil-kaz tieghu. Il-Pulizija Esekuttiva, pero`, ghandha dmirijiet fondamentali msemmija fl-artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali. Minbarra d-dmir li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, ghandha wkoll id-dmir li tigbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet dak ir-reat.

"Ma hemm l-ebda ombra ta' dubju illi fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni naqset minn dan id-dmir.

"Kif ser jinghad aktar tard f'aktar dettal, f'dan il-process l-Onorabbli Qorti Kriminali mhux biss naqset illi tindirizza lill-gurati biex tfiehem dan id-dmir, izda ghall-kuntrarju indirizzat lill-gurija illi huma lanqas jistghu iqisu dan in-nuqqas, bhala cirkostanza li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni. Anzi ddirigiethom illi huma jridu joqoghdu ghall-provi biss li ingiebu quddiemhom u rigward is-sottomissjoni tad-difisa, illi kif imxew il-pulizija hemm kwadru li ma jdoqqx u li allura jnissel dubju ragjonevoli fil-provi tal-prosekuzzjoni, dan ghandhom jiskartawh.

"Fl-umili fehma tal-esponent dan mhux biss jammonta ghall-interpretazjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Ligi, izda ghall-irregolarita` waqt il-proceduri.

"Kif jikteb Prof. I.H. Dennis Barrister at Law at Gray's Inn fil-ktieb tieghu The Law of Evidence — 2nd edition fejn jikkwota decizjoni ta' Lloyd L.J. fil-kaz Mclkenny (1991):-

"*'The State bears the primary responsibility for investigating suspected offences through the official agencies it funds, most notably the police, but, also including customs and excise officers, tax inspectors and so on. The defence very rarely has the money, the time or the expertise to carry out a full investigation, quite apart from the fact that it lacks the statutory investigative powers available to official agencies. The defence will of course interview potential defence witnesses, and*

*may commission scientific investigation, but generally and inevitably it has to rely on the police doing the investigation as thoroughly as possible.'*

"Dan ukoll igib lill-esponenti ghas-sinjifikat tal-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali. Fl-umili fehma tal-esponenti dan is-sub-artikolu ma jistax jibqa' jinghata t-tifsira li ghal dawn l-ahhar snin beda jinghata. Dan is-sub-artikolu jaqra hekk:

"*'Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.'*

"Kif diga` inghad, fi process penali, minhabba t-tifsira tal-kuncett bazilari tal-principju tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' akkuzat, hi l-prosekuzzjoni li ghandha ggib il-provi u xhieda in sostenn tal-akkuzi migjuba kontra akkuzat. Ghalhekk dan l-artikolu, *supra* citat, fi process penali huwa l-aktar intiz ghall-prosekuzzjoni.

"Il-Qrati qeghdin bir-rispett jaghtu tifsira mhux kompleta ta' dan is-sub-artikolu. Qeghdin jghidu illi allavolja l-Ligi qed tistipula dan bhala regola, prosekuzzjoni ma hix marbuta illi toqghod mad-dettat ta' din ir-regola importanti. Tista' ggib il-provi li jidhrilha hi u thalli barra xhieda u provi. Fil-kaz li thalli barra provi u xhieda l-aktar shiha u soddisfacenti u li jkunu importanti qeghda hi stess tiehu riskju ghaliex allura ikollha kaz dghajjef u tkun qed tistieden li akkuzat jista' jigi liberat. Allura jsegwi li l-gurija ghandha toqghod biss fuq dak li ggib bhala provi u xhieda u xejn izjed u l-gurija ma tistax tigbed xi inferenza dwar dan in-nuqqas, anke meta tigi avvanzata xi difisa illi l-pulizija ma tkunx imxiet b'mod regolari f'kaz.

"Bir-rispett, il-kriterji ta' gustizzja jitolbu interpretazzjoni kemm xejn differenti. Hawn ma nistghux inharsu minn lenti wahda. Kieku dan kien l-ispirtu tal-legislatur, allura jfisser li l-Ligi stess qeghda taghti mezz kif prosekuzzjoni tista' tqarraq, tista' tostor provi, thalli barra xhieda importanti u ggib biss dak li jaqblilha. Dawn il-fatturi ma humiex dak li trid il-Ligi. Il-Ligi ma titkellimx b'mod li qed tippermetti dan kollu li jista' jsir minn prosekuzzjoni. Qeghda titkellem bi kliem ferm, u fil-fatt hafna ferm. Ma hux qed tuza kliem bhal **'jista jingieb'** izda li ghandu jingieb. Ma nistghux naghtu biss *lip service* lil dan is-sub-artikolu.

"Infatti fl-umili fehma tad-difisa, dan is-sub artikolu, ghandu jiftiehem b'mod illi l-Ligi qeghda tolqot hafna mill-kuncett ta' *Disclosure in Criminal Trials*. B'dan l-esponent ma jridx ifisser dritt ta' *disclosure* fi stadju meta persuna qed jigi indagat bhal ma jezisti fl-Ingilterra taht *The Criminal Procedure and Investigations Act 1996 (CPIA)*. Hemm stadju iehor, wara li persuna jitressaq il-Qorti, meta dan id-dritt ta' *disclosure comes into play*. Hu dan l-istadju li qed niddiskutu hawnhekk.

"Ovvjament kull kaz ivarja wiehed miIl-iehor. Hawn ma ghandniex dak li jista' facilment jigri f'kull guri, fejn xi xhud isemmi xi persuna ohra li ma tkunx xhud indikat, fuq xi materja li ma tkunx daqstant krucjali ghall-kaz. Meta jigri hekk

ifisser li ma jkun hemm xejn *tricky* izda prosekuzzjoni genwinament ma tkunx taf li dak li jkun qal dak ix-xhud fil-fatt ikun ser jghidu.

“Fil-kaz odjern kull ma l-pulizija allegat li gara hdejn il-gabbana kien inammissibbli. Il-Qrati taghna ddikjaraw kemm il-darba, kif del resto sar f’dan il-kaz, illi biex il-gurija ikollha stampa ta’ kif bdiet l-investigazzjoni dawn il-provi bazati fuq *hearsay evidence* huma permessi. F’dan il-kaz, pero`, dan ma thalliex isir fil-limiti soliti u accettabbli, izda l-Qorti ippermettiet dan li jsir oltre u dan ghas-segwenti ragunijiet:

• L-Ispettur xehed dwar il-kuntatt li sar allegatament bejn l-akkuzat u zewg persuni li kienu go Kia Avella u sahansitra indika l-kulur tal-karozza u ta’ isimhom;

• L-Ispettur jispjega kif dawn iz-zewg persuni twaqqfu Rahal l-Gdid minn pulizija ohra, li qatt ma xehdu, u gew arrestati in konnessjoni ma’ dan il-kaz, pero` dawn iz-zewg persuni qatt ma ingiebu bhala xhieda;

• L-Ispettur, u anke relazzjonijiet tal-esperti tal-marki tas-swaba, jaghtu mhux biss id-dettaiji ta’ dawn iz-zewg persuni bil-partikolaritajiet kollha taghhom, izda anke li qabblu il-marki tas-swaba taghhom;

• L-Ispettur jghid li Neil Harrison kien qed jara dan il-kuntatt, pero` dan l-istess ufficjal lanqas biss jixhed fil-kaz.

“Hu fatt illi ghalkemm il-Gurat jigi mfiehem il-kuncett tan-nozzjoni tal-*hearsay evidence*, hu ferm difficli illi teskludi li f’mohhu ma tkunx qed tinbena konvinzjoni li dak li hu inammissibbli fil-fatt ikun gara. U hu propju dak li hu ingust f’dan il-kaz. Dawn ix-xhieda li thallew barra jkunu appositament jigu wzati sabiex jinbena suspett, probabbilment aktar minn daqshekk, f’mohh il-gurija, li jkun ferm u ferm difficli, jekk mhux impossibbli, li tnehhi minn mohh il-gurat. Anke ghall-bniedem legali, hu xi minn daqqiet difficli sabiex tikkancella hsieb li jkun jemergi minn provi inammissibbli.

“Hemm wkoll konsiderazzjoni ohra importanti x’issir. L-uniku xhud li xehed x’gara hdejn il-gabbana tal-gelati kien l-akkuzat. Dawn il-‘provi’ bazati fuq *hearsay evidence* ta’ x’suppost raw il-pulizija ikollhom skop iehor u cioe` sabiex jikkontrastaw dak li jkun qal l-esponenti. Ghalhekk f’mohh il-gurat ikun ferm difficli li ma jikkonsidrax dawn il-‘provi’ biex jara jekk dak li jkun qed jghid l-esponent huwiex imsahhah jew merut minn xhieda u cirkostanzi tal-kaz. Fejn wiehed jieqaf sabiex janalizza l-hsara li tkun saret f’mohh il-gurat hu infinit.

“Dan kollu hu ferm perikoluz u ma jawgura xejn tajjeb ghall-ahjar ricerka tal-verita`. Hu fatt, illi meta l-gurija giet indirizzata fuq il-portata tal-artikolu 637, gie spjegat illi wiehed jista’ jistrieh fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u li ghalkemm il-prova tkun ekwivoka, din xorta tista’ titqies ghall-finijiet ta’ korroborazzjoni.

“Dan hu perikoluz wkoll ghaliex il-prosekuzzjoni rabtet dak li allegatament gara fi Triq San Gwann Evangelista, ma’ dak li allegatament kien qed jigri hdejn il-gabbana tal-gelati. Il-Prosekuzzjoni pprovat tghaqqad iz-zewg istanzi flimkien.

Nghatat stampa wahda ta' akkuzat li kien qed jassocja ruhu ma' dawn it-tnejn fil-Kia Avella, fejn il-ftehim kien droga ghaliex fl-ghalqa instabet droga. Din l-istampa kienet bazata wkoll ghall-fatt illi Neil Harrison kien qallhom lill-pulizija fi Triq San Gwann l-Evangelista, li l-Peugeot kienet qed tavvicina lejhom, meta l-istess Harrison qatt ma xehed."

**7.** Din il-Qorti tgħid mill-ewwel illi dak li jilmenta minnu l-appellant jikkontrasta mal-mod kif l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri dderiġa lill-ġurati, kif jirriżulta ampjament mis-segwenti bran[1]:

"... hemm imbagħad issa ċerti prinċipji li ssemmew hawnhekk korrettement u jiena ser nirrepetihom fil-qosor għax huma *self-evident* kważi. *Number one* li hawnhekk għandha tinġieb l-aqwa prova u l-aktar prova sħiħa possibbli, u fejn ma nġabitx allura mux ser inqisu konġetturi. Eżempju x'ġara u ma ġarax fejn il-latrina hemm isfel fejn tal-ġelati; ma ġie ħadd hawn jgħidlina bil-ġurament tiegħu x'ġara, x'kien hemm. Mela ntqal x'intqal fuq dak li hemm u x'instema' hemm isfel ma nġabitx il-prova tgiegħu. Issa d-difiża ġustament għandha d-dritt li tosservalkom illi din il-prova ma nġabitx hawn. Għaliex u mhux għaliex dik tara l-prosekuzzjoni fl-għażla tagħha meta ppreżentat il-lista ta' xhieda. Sal-mument illi l-kawża tasal hawn il-prosekuzzjoni jkollha d-dritt illi tagħżel hi x'xhieda ġġib, kemm fil-kumpilazzjoni, kemm fl-inkjesta, u anke meta niġu ħawn jagħtuna lista ta' xhieda; isma' dawn huma x-xhieda tal-prosekuzzjoni, dawn li hawn hawn. Jekk ma għażiltx li ġġibhom, pero` mbagħad wieħed naturalment jgħid imma għaliex ma ġiex it-tali? Għaliex ma ġiex l-ieħor? Għaliex ma ġiex min kien hemm isfel ħalli l-każ jagħqad aħjar?

"Id-domanda toħroġ waħedha, iva. Pero` intom tridu tiddeċiedu issa fuq dak li hawn hawnhekk biss u ma toqogħdux timmaġinaw x'seta' ra Harrison u x'seta' ra l-ieħor, u x'setgħu għamlu hemm isfel u ma għamlux meta ltaqgħu suppost dawn – ma nafux li ltaqgħu, ħadd ma qalilna li ltaqgħu għax ma ġie ħadd awn jgħidilna li ltaqgħu ma' ħaddieħor hemm, jekk iltaqgħu. Mela dak intom tridu toqogħdu biss fuq il-provi li nġabu hawnhekk. Dik importanti. Pero` r-regola veru hija li suppost il-prosekuzzjoni ġġib l-aqwa prova u l-aktar prova sħiħa u kompleta li tagħmel għall-każ. Hekk tgħid il-liġi."

**8.** Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex il-prosekuzzjoni ma tellgħetx ix-xhieda li kienu preżenti fl-inħawi tal-latrina u gabbana tal-ġelati fil-bajja ta' Baħar iċ-Ċagħak, bħas-Supretendent Neil Harrison. Lanqas ma tara ebda raġuni għaliex ma ġiex ippreżentat il-*video* li allegatament ittieħed f'Baħar iċ-Ċagħak. Fl-istess ħin ma tarax li l-appellant seta' sofra xi preġudizzju b'dan in-nuqqas in vista tal-mod kif indirizza lill-ġurati l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri fejn idderiġihom bl-aktar mod ċar li ma kellhom jagħmlu l-ebda konġettura dwar x'seta' ġara jew ma ġarax f'dak il-post għax ma kien hemm l-ebda prova. Dan minbarra d-diversi drabi li attira l-attenzjoni tal-ġurati waqt is-smigħ tax-xhieda biex ma jqisux il-*hearsay evidence,* u dak li qal ukoll waqt l-indirizz[2]:

[1] Paġna 312 tat-traskrizzjonijiet (l-indirizz).
[2] Paġna 320 *ibidem*.

"... kont diġa` tajtkom direttiva fuqha, illi l-*hearsay evidence* ma hijiex prova hawn ġew, mhix ammissibbli. Mela jekk xi ħadd jiġi jgħid li xi ħadd qallu xi ħaġa, dik għal massimu tista' tkun prova li hu sema' dik ix-xi ħaġa mingħand xi ħaddieħor imma mhix il-prova tal-verita` ta' dak li jkun ġara. Jiġifieri, u dan jirreferi partikolarment biex ma noqogħdux nistaħbew wara subgħajna, għal xi ħaġa li setgħet ġrat jew ma ġratx fejn il-latrina hemm isfel, fejn tal-ġelati. Dak hemmhekk ħadd ma ġie jgħidilna li ra xi ħaġa hawn, mela hemm ma nistgħux noqogħdu nimmaġinaw x'ġara, jew nassumu x'ġara hemm. Hemm għalina qisu ma jeżistix x'ġara hemm. U aħna rridu nikkonċentraw biss issa fuq dak li ġew xi xhieda jgħidulna fuqu, cioe` dak li suppost ġara jew ma ġarax fi Triq San Ġwann Evanġelista għal dak li jirrigwarda l-inċident, għax imbagħad hemm il-kwistjonijiet ta' l-analiżi tas-s*amples* u kif ittieħdu u ma ttiħdux. Dak naturalment irridu narawhom ukoll. Imma bħala inċident *as such* aħna wieħed għandna provi fuqu, dak li ġara jew li mhux suppost ġara fi Triq San Ġwann Evanġelista. U naħseb din hija ċara u m'għandix għalfejn naħli ħin aktar fuqha."

**9.** Mela l-ġurati kienu jafu fuqhiex kellhom jikkonċentraw u hi biss konġettura kemm dak li kien *hearsay evidence* seta' influwenzahom.

**10.** L-appellant l-istess **jilmenta dwar irregolarita`** fil-kuntest ta' dak li allegatament ġara fl-ewwel istanza fi Triq San Ġwann l-Evanġelista. Huwa jgħid:

"Ghal dak li jirrigwardja dan l-istadju, insibu wkoll illi fuq domandi in kontro-ezami tad-difisa lill-ispettur Grixti, insiru nafu illi f'din it-triq kien hemm wkoll it-tielet pulizija (i.e. PC 396), pero` dan ma giex ingunt biex jixhed. Skond dan l-ispettur, ir-raguni ghalfejn ma giex ingunt biex jixhed minnu stess kienet, ghaliex ix-xhieda tieghu ma kinitx importanti.

"Bla dubju, ir-raguni li ta l-istess spettur hu fatt inveritjier li intqal sabiex wiehed jghatti x-xemx bl-gharbiel. Dan ikompli jsahhah bl-aktar mod car, dak li diga` gie sottomess fl-ahhar parti ta' qabel din, illi l-Pulizija Esekuttiva qed tinghata l-imbekkata ta' xi prassi li hi ghandha xi diskrezzjoni assoluta lil min tressaq bhala xhieda.

"Mix-xhieda taz-zewg pulizija l-ohra f'din it-triq johrog illi PC 396 kien dejjem hdejhom u li ra dak li raw huma. Mela wiehed legittimament isaqsi: jekk PC 396 hu meqjus mill-ispettur bhala 'mhux importanti', allura ix-xiehda taz-zewg pulizija l-ohra i.e. PS 579 u PC 213 huma wkoll 'mhux importanti'. Dan kollu ma jaghmilx sens fattwali w legali.

"Ghall-Qorti, pero`, dan kollu m'ghandux ghalfejn jigi konsidrat, nonostante l-fatt illi l-istess PS 579 Antoine Micallef, meta mistoqsi, mhux mid-difisa, x'kien qed jaghmel Neil Harrison f'wiehed mir-ritratti u cioe` ghal x'hiex kien qed jidher jipponta b'subghajh, jghid testwalment 'il-post fejn pogga l-borza s-sur Harrison'.

"A skans ta' ripetizzjoni, dak kollu li intqal fil-parti ta' qabel din dwar dan il-punt, hu ugwalment applikabbli hawnhekk wkoll. Ma nafux il-vera raguni ghalfejn PC 396 ma ngibx jiddeponi. Li hu zgur hu li l-pulizija naqset minn dmir

> fondamentali li kellha skond l-istess Kodici Kriminali. Ovvjament il-hsara saret u xejn u hadd issa ma jista' jdawwar l-arlogg, partikolarment illi issa PC 396 hu edott minn dak kollu li gara u l-buon sens jiddetta illi ma tantx ser ikollu diffikolta` ikanta 1-istess diska.
>
> "Il-premess wkoll jammonta ghall-interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi u dan ghal ragunijiet li diga` issemmew. Din wkoll kienet irregolarita` matul il-proceduri li, kif muri qabel, seta' kellha effett fuq il-verdett. Ghall-gurija, il-fatt li thalla barra dan ix-xhud ma kellux jigi konsidrat, ghaliex fuq dan il-punt ta' Ligi, il-Qorti informathom, li m'ghandhomx jharsu lejh bl-ebda mod.
>
> "Jigi rilevat, kif ser jigi muri aktar tard, illi d-difisa f'dan il-kaz, ikkritikat bl-ahrax l-operat, anke tal-periti tal-marki tas-swaba, addetti mal-pulizija. Id-Difisa kienet qed turi fuq bazi ta' probabbilita` illi min mexxa din l-investigazzjoni kienet qed taqbad il-kaz u tpoggih go fatti u mhux tara kif fatti kienu applikabbli ghall-kaz. F'dan l-isfond, dak li inghad fl-ahhar parti ta' qabel din, u l-fatti diskussi f'din il-parti, kienu ferm importanti biex isahhu u jkomplu juru dak sottomess mid-difisa bi kwadru aktar wiesgha. Ma hemmx kliem iehor, f'dan il-kuntest, hlief li l-Prosekuzzjoni kienet qed tahbi certa fatti ferm importanti bi ksur ta' disposizzjonijiet appositi fil-Ligi. Il-buon sens jiddetta, illi mohh il-bniedem ghandu ragun isaqsi ghalfejn kien qed isir dan. Kieku dan mhux il-kaz, ghalfejn il-Ligi issemmi l-grad ta' dubju ragjonevoli? Dan mhux xi nuqqas ta' xi xhud komuni, imma nuqqas ta' Organi appuntati mill-Istat biex jaqdu dmirijiethom.
>
> 'Il-kompitu dwar l-esposizzjoni tal-fatti vera u proprja rilevanti ghal dan l-istadju ser jigu diskussi f'parti ohra ta' dan il-process. Jinghad biss, illi z-zewg pulizija jghidu, li raw persuna ipoggi xkora hdejn cint ezatt kif tidhol fl-ghalqa, meta huma kienu bi drittu n-naha l-ohra go karozza."

**11.** Ir-raġuni li l-Ispettur Nezrin Grixti ta, li għaliha ma pproduċiex lil P.C. 396, tista' ma tkunx plawsibbli. Mill-banda l-oħra jekk hemm xi raġuni oħra, wieħed jista' biss jikkonġettura. L-appellant jipprova jabbina dan in-"nuqqas" tal-prosekuzzjoni ma' dak li suppost qal P.S. 579 Antoine Micallef. L-appellant jgħid illi waqt li kien qiegħed jixhed, P.S. 579 qal: "il-post fejn pogga l-borża s-sur Harrison". Din il-Qorti eżaminat akkuratament ix-xiehda ta' P.S. 579 Antoine Micallef. Ma jirriżultax illi P.S. 579 qal dak il-kliem kif ikkwotat mill-appellant. L-ewwelnett P.S. 579 kien qiegħed jixhed dwar li ra persuna tinżel minn Peugeot 406 bajda u taħbi xkora. Huwa ġie muri ritratt u mistoqsi hekk:

> "Pros: Mela ħa nibdew minn *number one*. Spjega daqsxejn jekk jogħġbok f'dan ir-ritratt aħna x'aħna naraw?
> "Xhud: Din hija l-għalqa li konna fiha aħna.
> "Qorti: Urina fejn poġġiha, għandek il-*laser*.
> "Xhud: Hawnhekk ara fejn hawn qed juri b'idejh fejn poġġa l-ixkora."

Jiġifieri x-xhud qiegħed iwieġeb il-kweżit tal-Qorti fejn il-persuna li rrefera għaliha poġġa l-ixkora. Mela r-risposta tiegħu tista' biss tiġi interpretata kif ġej: <u>"Hawnhekk ara fejn hawn [is-Supretendent Harrison] qed juri b'idejh fejn [il-</u>

persuna li niżlet mill-karozza] poġġa l-ixkora." Imbagħad isegwu numru ta' mistoqsijiet rigward fejn ix-xhud, mal-pulizija l-oħra, kienu mistoħbijin, u kif kienet ipparkjata l-vettura tagħhom, u 'l fejn kienet qed tħares. Mill-ġdid b'referenza għal ritratt fejn kien hemm is-Supretendent Harrison, isegwi dan li ġej:

"Pros: Mela intom kontu pparkjati hemmhekk. Mela ara, hawnhekk qed naraw.
"Xhud: Hawnhekk fejn qiegħed jiena huwa fejn konna bil-karozza. Hawnhekk fejn hawn is-Sur Harrison huwa fejn poġġa l-ixkora."

Mela x-xhud hawn ma qalx illi kien is-Supretendent Harrison li poġġa l-ixkora (kif jallega l-appellant). Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li hawn ix-xhud kien qiegħed mill-ġdid jirreferi għal fejn il-persuna li kien semma kien, allegatament, poġġa l-ixkora. Dan qiegħed jingħad in vista ta' dak li kien diġa` xehed fir-rigward. Jidher, pero`, li ġie miżinterpretat mill-Qorti:

"Qorti: Mela Harrison poġġiha l-ixkora?
"Xhud: Sorry?
"Qorti: Harrison poġġiha l-ixkora?
"Xhud: Biex jimmarka b'subgħajh.
"Qorti: Poġġa l-ixkora jew immarka b'subgħajh?
"Xhud: Qed jimmarka b'subgħajh li kien hemm l-ixkora.
"Qorti: Differenti hux poġġa l-ixkora għal li qed jimmarka b'subgħajh.
"Xhud: Fejn qed jimmarka.
"Pros: Dik l-ixkora min poġġiha hemmhekk, sinjur?
"Xhud: Kien hemm wieħed bi flokk abjad, ħareġ minn Peugeot 406.
"Qorti: Ieqaf, stenna daqsxejn. Harrison poġġa l-ixkora jew qed jimmarka, Surġent?
"Xhud: Qed jimmarka, ma kienx hemmhekk fuq il-post dak il-ħin.
"Qorti: Għax għidt hekk allura?
"Xhud: Ħadt żball, naħseb lanqas naf li għidtha.

Fil-fatt, kif rajna, ma kienx qal hekk.

"Qorti: Zball serju ta, żball serju ħafna ta! Intik ċans biex tgħid il-verita`. Taf x'hemm għal min ma jgħidx il-verita`, hux? Taf x'hemm hux? Kif ser tħallina?
"Xhud: Sorry?
"Qorti: Kif ser tħallina? Poġġa l-ixkora Harrison jew qed jindika fejn kienet?
"Xhud: Qed jindika, żgur."

**12.** Hawn ukoll, filwaqt illi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għaliex ma kellux jiġi prodott P.C. 396 ukoll bħala xhud, in-nuqqas li jiġi prodott, fid-dawl anke ta' dak li jiddisponi l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali[3] mhux biss fl-ewwel iżda anke fit-tieni subartikolu tiegħu, ma jistax jittieħed bħala rregolarita`.

---

[3] (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.

**13.** L-appellant ikompli jagħmel sottomissjonijiet dwar dak li allegatament ġara fit-tieni istanza fi Triq San Ġwann Evanġelista. Jgħid:

"L-enfasi li harget hawn f'dan l-istadju kien messagg ricevut permezz tar-radio minn PC 213, fejn Neil Harrison informah illi l-istess Peugeot kienet qed terga' tavvicina lejhom.

"F'din il-konsiderazzjoni l-Qorti ghamlet valutazzjoni ta' fatt, fejn indirizzat lill-gurija illi PC 213 jista' jixhed dwar x'sema', izda is-sostanza ta' dak li intqal, mhix ammissibbli, stante li Neil Harrison ma giex jixhed biex jikkonferma dak li ra. Sa hawn korrett. Izda dak kollu li intqal b'parti BBI dwar id-diffikolta` li tnehhi minn mohh gurat, evidenza inammissibbli, japplika wkoll hawn.

"L-importanza ta' dak li qal li ra Neil Harrison hija li l-Peugeot li kienet qed tavvicina lejhom kienet l-istess vettura ta' qabel. Din ix-xhieda inammissibbli ghandha zewg konsiderazzjonijiet importanti li jridu jigu evalutati. L-ewwel konsiderazzjoni hi illi iz-zewg pulizija ta' qabel ma kinux hadu in-numru ta' registrazzjoni tal-Peugeot bajda fl-ewwel stadju
allegat u kwindi din l-informazzjoni tiggustifika b'mod ingust kif imxew u x'kellhom jahsbu. Dan ghalkemm ma kien hemm l-ebda bazi legali ghall-korrettezza ta' din l-informazzjoni. Fit-tieni lok, kif diga` gie accennat, il-prosekuzzjoni qeghda taghti stampa, mhux korretta minn provi ammissibbli, fejn qeghda tghaqqad dak li suppost kien qed jigri f'Bahar ic-Caghaq, mal-wasla ta' din il-vettura.

"Ghalkemm il-gurat jista' jifhem x'inhu l-kuncett ta' *hearsay evidence*, wiehed hu korrett illi jghid, illi f'tali cirkostanzi hu ferm u ferm difficli, sabiex ma tasalx ghal certa konkluzzjonijiet, u cioe`:

• Mela la Neil Harrison qed jghid li hi l-istess karozza, bil-fors li segwiha, allura bil-fors ghandi noqghod fuqu li kienet l-istess, allavolja iz-zewg pulizija ma hadux in-numru taghha fl-ewwelstadju (vide B82);
• Mela allura Neil Harrison kien ra x'ghamlet din il-vettura go Bahar ic-Caghaq u allura sew qed jghidu li kien hemm kuntatt;
• Mela allura la hi l-istess karozza, mela fiha kellha d-droga li nizzel dak li-passiggier, mela hemm pussess aggravat;
• Il-Qorti qaltilna li ghandna naraw ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, mela dawn huma cirkostanzi ferm importanti;
• Vera li Peugeot bajda 406 mhux wahda hawn. Meta nsarrfu dan, ma nistghux nistriehu fuq din il-prova indizzjarja biss, imma din ic-cirkostanza ekwivoka, l-Qorti qaltilna li nistghu nharsu lejha bhala mezz korroborattiv;
• Mela ghalhekk l-akkuzat harab minn fuq il-post f'dan l-istadju indikat, ghax kien qed isuq l-istess vettura ta' qabel;
• Neil Harrison hu ufficjal gholi u mhux ser jigdeb.

(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

> "Dawn huma ftit mill-argumentazzjoni mentali li gurat jista' skorrettement jaghmel. Meta nghidu ara l-assjem tal-provi, kif tista' qatt tiskarta din ir-rabta li qed tipprova tinghata?
>
> Fl-umli fehma tad-difisa dan wkoll jammonta ghall-applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-provi, li wkoll iwassal ghall-irregolarita` waqt il-proceduri. Bir-rispett ghalhekk intqal fil-bidu nett illi l-kaz tal-prosekuzzjoni hu mibni fuq provi, jew ahjar, f'istanzi partikolari, fuq assenza ta' provi u *hearsay evidence*."

**14.** Din il-Qorti tirreferi għal dak li diġa` ntqal f'paragrafi 8 u 9 s*upra* u, in kwantu jekk il-każ huwiex mibni fuq assenza ta' provi u *hearsay evidence*, il-ġudizzju hu riservat għal aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

**15. Aggravju ieħor** jirrigwarda l-operat ta' P.C. 1525 Patrick Farrugia u dak ta' l-espert ta' l-impronti tas-swaba' Joseph Mallia.

**16.** L-appellant, pero`, jibda biex jikkummenta dwar il-mod ta' kif jiġu nominati xi esperti mill-Maġistrat Inkwirenti wara telefonata ta' Spettur tal-Pulizija, partikolarment in kwantu jirrigwarda n-nomina ta' *scene-of-crime officers* fejn normalment in-nomina tkun tas-*scene-of-crime officer/s* "ta' l-għassa". Dwar dan, din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni tosserva[4] li f'Malta m'għandniex sistema ta' Maġistrati Inkwirenti li jkollhom it-*team* tagħhom ta' esperti. Allura dak li għandu jsir, fejn ma jsirx diġa`, hu li meta Spettur jinforma lill-Maġistrat Inkwirenti b'inċident li jkun jeħtieġ investigazzjoni, għandu mill-ewwel jinforma lill-Inkwirenti bl-ismijiet ta' min ikun *duty* biex jagħmel xogħol ta' *scene-of-crime officers* u mhux jistenna l-mument li jippreżenta r-rapport bil-miktub tiegħu. Barra minn hekk, id-digrieti tan-nomina ta' esperti, fejn dan ma jsirx diġa`, għandhom jiġu notifikati lill-esperti sabiex ikunu jafu preċiżament f'hiex jikkonsisti l-inkarigu tagħhom u l-parametri ta' dak l-inkarigu.

**17.** B'referenza għall-każ preżenti, din il-Qorti sejra tirreferi għall-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dottor Consuelo Scerri Herrera datat 9 ta' Ġunju 2006. Mill-ewwel paragrafu jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti ġiet infurmata bil-każ: "B'rapport verbali magħmul mill-Ispettur Nezrin Grixti nhar-it tmintax ta' Mejju 2006 liema rapport ġie sussegwentement konfermat b'rapport miktub preżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar l-erbgħa u għoxrin ta' Mejju 2006". Fir-rapport tiegħu l-Ispettur Grixti elenka l-esperti nominati bħala "P.S. 602 J. Attard SOCO, P.C. 1525 P. Farrugia SOCO, P.S. 1374 E. Dalli Fingerprints, Mario Mifsud Analista ta' droga". Annessi ma' dan il-proċess verbal hemm id-digrieti li jirrigwardaw in-nomina ta' kull espert, digriet separat għal kull espert. Issa, fir-rigward ta' P.S. Jonathan Attard, P.C. 1525

[4] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Andrea Zammit** deċiż fir-12 ta' Jannar 2016.

Patrick Farrugia u P.S. 1374 Edgar Dalli, in-nomina tagħhom hi identika, u cioe` "sabiex bħala *Scene of the Crime Officer* jagħmel dak ix-xogħol relevanti għal każ, liema xogħol jinkludi t-teħid ta' ritratti, tfittix għal xi evidenza forensika li jista' jkun hemm f'dan ix-xena tad-delitt, filwaqt li jeleva, jissiġilla u jippreserva dak kollu elevat, jirrelata bil-miktub dwar ir-riżultanzi tiegħu lil din l-Onorabbli Qorti".

**18.** Fix-xiehda tiegħu l-Ispettur Nezrin Grixti kkonferma li P.S. 1374 Edgar Dalli kien il-*head of section* tal-*fingerprints unit* u kkonferma dak li kien xehed fl-Istruttorja illi "jidher li P.C. 1525 kien maħtur ukoll fl-inkjesta, espleta l-inkarigu lilu u ma rax, jew ma nafx x'kien bejniethom, ma ħassx li jiġi mgħoddi x-xogħol lilu [lil P.S. 1374 Edgar Dalli] għax ma kienx hemm għalfejn".[5] P.C. 1525 xehed li kien ġie nfurmat li kien hemm xi xogħol rikjest mit-Taqsima kontra d-Droga minn P.S. 1261 Charles Pace u meta aċċeda fuq il-post ġie nfurmat mis-Supretendent Neil Harrison li kien hemm inkjesta maġisterjali.[6] Qal li sar jaf li kien ġie nominat ukoll P.S. 1374 Edgar Dalli ftit żmien wara meta P.S. Dalli qallu li kien maħtur u x-xhud qal lil P.S. Dalli: "m'għandekx għal x'hiex għax ix-xogħol kollu lest".[7] In effetti x-xogħol kollu ta' eżami għal impronti diġitali fuq l-oġġetti elevati minn Baħar iċ-Ċagħaq kien sar fit-18 ta' Mejju 2006 stess. Fil-fatt fix-xiehda tiegħu P.C. 1525 meta kien qiegħed jirreferi għall-impronti elevati minn fuq il-blokok[8] qal: "dak il-ħin ħadt id-deċiżjoni u erfajt ir-responsabbilta` li l-eżamijiet isiru dak il-ħin, għax ma stajtx nippermetti li jsir iżjed *handling* għax inkella dik l-evidenza ser tintilef". Fit-22 ta' Mejju mbagħad l-istess xhud għamel eżami wkoll fuq il-vettura GBC-926.[9]

**19.** Din il-Qorti mhijiex se toqgħod tikkonġettura (kif jidher li qiegħed jagħmel l-appellant) għaliex P.S. 1374 Edgar Dalli ma ġiex infurmat mill-ewwel bin-nomina tiegħu. Il-fatt jibqa' illi l-inkarigu kif jirriżulta mid-digrieti tat-18 ta' Mejju 2006 ta' P.C. 1525 Jonathan Farrugia u ta' P.S. 1374 Edgar Dalli kien identiku. Huwa minnu illi fid-digrieti ma hemm l-ebda referenza għal elevar ta' *fingerprints*, filwaqt illi fir-rapport tiegħu P.C. 1525 Jonathan Farrugia jgħid illi kien nominat ukoll biex jagħmel "eżamijiet għal impronti diġitali". Iżda l-istess digrieti kienu jawtorizzaw lis-*scene-of-crime officers* jagħmlu "x-xogħol relevanti għall-każ", ifittxu għal xi evidenza forensika u jelevaw u jippreservaw dak elevat. F'dan il-każ P.C. 1525, skond ir-rapport tiegħu, eżamina numru ta' oġġetti għall-presenza ta' *fingerprints* u fejn sab impronti elevahom. Għalhekk strettament ma jistax jingħad illi huwa eżorbita mill-inkarigu tiegħu.

---

[5] Paġna 38 tat-traskrizzjoni tax-xiehda.
[6] Paġna 138 *ibidem*.
[7] Paġna 142 *ibidem*.
[8] Paġna 123 *ibidem*.
[9] Ara rapport a fol. 17 *et seq.* ta' l-atti tal-kumpilazzjoni.

**20.** Din il-Qorti tfakkar ukoll x'qalet fis-sentenza tagħha (kif diversament komposta) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech** mogħtija fit-28 ta' Frar 2012:

> **"8. Din il-Qorti żżid tgħid, pero`, li l-Qorti (jew il-maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta dwar l-*in genere*) li tinnomina espert fi branka ta' ħila jew sengħa speċjali m'għandhiex għalfejn tispeċifika bid-dettalji kollha dak kollu li dak l-espert għandu jagħmel. Infatti l-Qorti tagħti d-direttivi meħtieġa lill-esperti kull meta jkun hemm bżonn ("... *whenever it is expedient* ..." fit-test Ingliż)(artikolu 650(5), Kap. 9). L-esperti hekk nominati, proprju minħabba l-*expertise* tagħhom, jibqagħlhom ukoll marġini ta' diskrezzjoni sabiex jagħmlu "ix-xogħol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengħa" tagħhom (artikolu 653(1), Kap. 9)."**

**21.** Inoltre fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Mejju 2013 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Antonio sive Anthony Abdilla et**, din il-Qorti qalet ukoll:

> **"Fil-każ odjern in-nomina ta' l-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti a tenur ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 650 – reż applikabbli għall-*in genere* mill-ewwel *proviso* ta' l-imsemmi artikolu 548 – jipprovdi li: "Il-qorti, kull meta jkun hemm bżonn, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa" (sottolinear ta' din il-Qorti). Naturalment sabiex ma jkunx hemm ekwivoċi hu desiderabbli li jkun hemm deskrizzjoni ta' l-inkarigu mogħti lill-esperti rispettivi fid-digriet tan-nomina. Fil-każ in eżami m'hemm l-ebda ekwivoku, kemm minħabba d-deskrizzjoni ta' kull wieħed mill-esperti ("Dr.", "Perit", eċċ.) – li ovvjament tħalli ħafna x'jiġi desiderat – iżda prinċipalment in vista ta' dak li jingħad fl-istess proċess verbal dwar il-konklużjonijiet rispettivi ta' dawk l-esperti li kienu diġa` ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom u li b'hekk kien qiegħed jiġi kkonfermat l-inkarigu rispettiv tagħhom kif anke deskritt fir-relazzjonijiet rispettivi. Barra minn hekk, id-difiża jibqagħlha dejjem id-dritt li tikkontrolla dak li jiġi konstatat mill-esperti prodotti billi jekk hekk jidhrilha timpunja l-kompetenza, l-kredibilita` u l-affidabilita` tal-istess esperti u tal-konklużjonijiet tagħhom."**

**22.** Fil-każ in eżami, fil-proċess verbal il-Maġistrat Inkwirenti tirreferi speċifikatament għar-relazzjoni li ppreżenta quddiemha P.C. 1525 u l-*lifters* u ritratti relattivi minnu esebiti u għar-relazzjoni ta' Joseph Mallia li għamel l-eżamijiet komparattivi meħtieġa fuq dak li kien esebixxa P.C. 1525. Jiġifieri l-Maġistrat Inkwirenti kienet qiegħda b'hekk tikkonferma l-inkarigu ta' P.C. 1525. Dan imbagħad ġie mill-ġdid ikkonfermat mill-Qorti Istruttorja.

**23.** L-appellant jiddubita wkoll mill-ħila ta' P. C. 1525 għax jgħid illi fi żmien dan il-każ P.C. 1525 "ma kien ngħata l-ebda kors in materja ta' marki tas-swaba'. Il-ħila u sengħa tiegħu kienet fuq numri li jiġu mbagħbsa fuq oġġetti bħal armi tan-nar jew vetturi. Hu xehed pero` li ġie *tutored* għal ftit ġimgħat fuq marki tas-swaba' minn sħabu fosthom l-imsemmi Joe Mallia". Jirreferi wkoll

għal dak li jsejjaħ l-effetti li emerġew f'dan il-każ meta, skond hu, il-liġi tiġi applikata b'mod żbaljata u jkun hemm irregolarita` ta' proċeduri:

> "(aa) Ir-relazzjonijiet ta' PC 1525 u dik ta' Mario Mifsud huma dijametrikament opposti ghal kif suppost hadem PC 1525. Mario Mifsud jghid illi 'Wara li gie moghti dawn il-blokki l-esponent beda jnehhi l-plastic trasparenti li kien hemm ma' kull blokka u beda jizen kull blokka separatament. Il-parti mix-xkora tal-karti u l-plastik trasparenti li kien hemm ma' kull blokka ta' sustanza kannella gew moghtija lill-PC 1525 P. Farrugia biex fuqhom setghu isiru l-ezamijiet ghall-presenza tal-marki digitali' PC 1525 jghid l-oppost illi 'L-ewwel ma sar kien li l-blokok kollha gew dokumentati minn O6BML 1 sa O6BML 13, imbaghad l-esponent beda jaghmel l-ezamijiet ghall-xi evidenza ta' mpronti fuq l-ippjakar tal-blokok minn barra qabel dawn jigu miftuha mill-ispizjar Mario Mifsud'. PC 1525 hu merut kif hadem mill-ispizjar Mario Mifsud (perit indipendenti). Dan il-fatt ghandu importanza kbira tenut kont wkoll dak li ser jinghad fis-sub-paragrafi hawn taht."

Dan il-konflitt huwa biss apparenti. P.C. 1525 kien qiegħed jitkellem dwar l-eżami li għamel fuq il-blokok "minn barra" qabel ma jinfetħu mill-Ispiżjar Mifsud filwaqt illi l-Ispiżjar Mifsud kien qiegħed jitkellem dwar eżami li jsir wara. Difatti fir-rapport tiegħu P.C. 1525 jgħid ukoll f'paragrafu 7 li "għamel tentattiv sabiex jifred it-'tape' tal-plastik tal-'packing' li kienet ippakkjata fiha s-sustanza misjuba". Ovvjament dan seta' jsir wara li t-*tape* kien tneħħa minn mal-blokok mill-Ispiżjar Mifsud.

> "(bb) Meta kien qed jixhed Joe Mallia hu spjega illi min ikun qed jeleva impronti minn fuq xi oggett ghandu dejjem jassigura illi tali tfittix mhux biss ikun fotografat, izda illi r-ritratt ikun juri xi partikolarita` li permezz taghha l-espert ikun jista' jipprova minn fejn ittiehed bhala post. PC 1525 jghid illi l-ftit *tutorship* li nghata kien propju minn Joe Mallia stess. Pero` insibu illi PC 1525 ma ipprattikax dak li kien suppost tghallem fi zmien qasir. Ma hemm l-ebda ritratt fil-laboratorju forensiku fejn jidher hu u lanqas ritratt qieghed jeleva xi impronta jew inehhi t-tape minn mal-blokok. Dan il-fatt hu ferm importanti meta wiehed ikompli jqis il-konsiderazzjonijiet li ser ikomplu jissemmew."

Filwaqt illi m'hemmx ritratti li juru lil P.C. 1525 fil-proċess ta' tfittxija, mar-relazzjoni tiegħu P.C. 1525 esebixxa numru ta' ritratti li juru preċiżament l-oġġett jew post fejn instabu, u allura mnejn ġew elevati, l-impronti. Fir-rigward tal-blokok hemm ir-ritratti 06BML301C, 06BML302B u 06BML303B. F'kull ritratt jidher it-*tape* mwaħħal mal-blokka li permezz tiegħu ġew elevati l-impronti. Din il-Qorti eżaminat dawn ir-ritratti flimkien mal-*lifters*, u fil-*lifters* jidhru t-tinjiet kawżati mill-mod kif kienu mgeżwrin il-blokok. Naturalment kien ikun aħjar kieku P.S. 602 Jonathan Attard ħa wkoll xi ritratti li juru parti mill-proċess ta' tfittxija għal impronti, iżda dan mhuwiex nuqqas li jirrendi rregolari dak illi sar.

> "(cc) Id-digriet tal-Magistrat tal-Inkjesta ma kienx jawtorizza, kif intqal, lil PC 1525 biex jeleva u jezamina impronti digitali, izda kien jawtorizzah li jaghmel xoghol specifikat, 'liema xoghol jinkludi tehid ta' ritratti'. Meta mistoqsi waqt il-guri ghaliex kien hemm mankanza assoluta dwar fotografija fis-sens imsemmi fis-sub-paragrafu ta' qabel dan, hu wiegeb illi dan ma kienx kompitu tieghu, il-fotografu kien prezenti u li dan allura kellu d-dmir li jiehu fotografija li kien jidhirlu hu. Anke hawn PC 1525 ma obdiex id-digriet tal-Magistrat. Il-buon sens jiddetta illi ezercizju fejn tnehha t-*tape* mill-blokok ha certu zmien allura kien hemm zmien konsiderevoli biex jghid lill-fotografu jiehu ritratti ta' dan. Wiehed jinnota illi l-iskuza li gab kienet bir-rispett pwerili. Fuq bazi ta' probabbilita` kien korrett dak li espona Mario Mifsud li sar u cioe` illi 'Il-parti mix-xkora tal-karti u l-plastik trasparenti li kien hemm ma' kull blokka ta' sustanza kannella gew moghtija l-PC 1525 P. Farrugia biex fuqhom setghu isiru l-ezamijiet ghall-presenza tal-marki digitali'."

Issir referenza għal dak li ntqal dwar il-paragrafi preċedenti u fil-paragrafu 19 s*upra*.

> "(dd) Skond id-digriet tal-Magistrat ta' l-inkjesta PC 1525 kellu l-inkarigu bhala *scene of crime officer* 'sabiex bhala SOCO jaghmel dak ix-xoghol relevanti ghal kaz, liema xoghol jinkludi tehid ta' ritratti, tfittix ghal xi evidenza forensika li jista' jkun hemm f'dan ix-xena tad-delitt, filwaqt li jeleva, jissigilla u jippreserva dak kollu elevat, jirrelata bil-miktub dwar ir-rizultanzi tieghu'. Dan ikun qed jigi ordnat biex jaghmlu halli jekk u meta jitressaq xi hadd il-Qorti akkuzat b'reat, ikollu mezz ta' kontroll. Wiehed jerga' jinnota illi fid-digriet ivvintat minnu, PC1525 imsemmi fir-relazzjoni tieghu, ma jaghmel l-ebda accenn ghal dan id-dmir. It-*tape* kollu tal-*plastic* li fih kienu imgezwra l-blokok ma instabux fost l-esebiti f'dan il-kaz. Dan hu nuqqas serju li kellu jigi investigat. Ghalhekk in kontro ezami, d-difisa ghamlet sensiela ta' domandi dwar dan lil PC1525. L-ewwel risposta tieghu kienet illi hu kien ta dan il-*plastic tape* lill-ispizjar Mario Mifsud dak in-nhar stess fil-laboratorju forensiku tal-pulizija. Meta gie moqri lilu x'kien indika l-istess Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu u cioe` li *'gew moghtija l-PC 1525 P. Farrugia biex fuqhom setghu isiru l-ezamijiet ghall-presenza tal-marki digitali'*, rega' pprova jaghti spjegazzjoni ohra. Din id-darba qal, li anke skond ir-relazzjoni tieghu, hu kien ikkonsenja dawn il-*plastic tapes* lil Magistrat ta' l-Inkjesta meta halef ir-relazzjoni. Din l-ahhar tielet spjegazzjoni f'temp hekk qasir waqt ix-xhieda tieghu, hi kompletament meruta skond il-verbal li sar mill-imsemmi Magistrat meta PC1525 kien halef ir-relazzjoni tieghu. F'dan il-verbal hemm fid-dettal l-esebiti ezatti li kien halla l-istess PC 1525 meta halef ir-relazzjoni tieghu. Ma hemm imkien li hu halla xi *plastic tapes*, izda kien ipprezenta biss *lifters* u ritratti. Dan hu l-*kolmo*. Persuna indagata hu salvagwardjat mill-Ligi, mhux biss li kollox suppost isir taht il-kappa tal-Ligi, izda li dawk li hi verament tahtar jobdu l-ordnijiet mehuda skond l-istess Ligi. Anke dan jammonta ghall-irregolarita` waqt il-proceduri."

Il-kwistjoni hawn hi x'sar mill-*plastic/tape* li fih kienu mgeżwrin il-blokok. Għalkemm fir-relazzjoni tiegħu P.C. 1525 jagħmel referenza għall-*packing* tal-blokok, fl-istess relazzjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni li dan il-*packing* ġie dokumentat u esebit quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. F'paragrafu 10 tar-rapport

tiegħu P.C. 1525 jgħid li "d-dokumenti elevati qegħdin jiġu annessi flimkien ma' dina r-relazzjoni", u P.C. 1525 jgħid illi dan ifisser li jkun esebihom,[10] iżda ma setax jiftakar mill-memorja jekk l-imsemmi *packing* kienx esebit jew le. Fil-proċess verbal il-Maġistrat Inkwirenti tgħid illi fit-22 ta' Mejju 2006 "deher P.C. 1525 Patrick Farrugia li ppresenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu [li] ġiet immarkata bħala dokument SOCO. Flimkien ma' din ir-relazzjoni ġew ippresentati tmien *lifters* bir-ritratti relattivi ġo envelopp kannella mmarkat bħala dokument SOCO 1". Jiġifieri l-proċess verbal ma jgħidx li l-imsemmi *packing* ġie esebit.

> "(ee) L-agir ta' PC 1525 wassal ghall-fatt ingust illi la d-difisa u lanqas l-imhallfin tal-fatt ma setghu jikkontrollaw dak li allegatament sar u sabu rwiehhom minghajr ebda mezz ta' kontroll. Il-konsegwenza ta' dan hija cara. Ix-xoghol mhux awtorizzat ta' PC 1525 u l-elevar tal-allegata marka tas-swaba minn fuq blokka 1 ma setghu qatt jigu verifikati. Li ghandna hu biss ritratt minn fejn allegatament giet elevata din il-marka tas-sebgha. Din hi sembjanza ta' prova dwar allegat fatt kompjut, pero` ma ghandna l-ebda prova li fil-fatt dik il-marka tas-sebgha giet mtella' minn hemm. Dan ma hux li trid il-Ligi u cioe` li xi hadd mhux imqabbad, jigi u jtik sembjanza ta' konkluzjoni ta' fatt, minghajr ma dak il-fatt jista' jigi verifikat. Kieku Qorti tippermetti dan, ikun ifisser, illi perit jista' jabbuza, jivvinta x'sab u biex ma jinqabad qatt li hu hadem abbuzivament, ma jesebixxi qatt d-dokument originali fuq x'hiex suppost hadem *to hide his tracks*. Dan ma hux l-ispirtu effettiv li trid il-Ligi. Ragjonevolment u legittimament dan mhux accettabbli u hadd ma ghandu jigi misjub hati fuq dawn it-tip ta' sembjanza ta' prova. Xejn ma jista' jigi konkluz meta wiehed ghandu quddiemu sensiela ta' irregolaritajiet fil-kors tal-proceduri bhal dawn."

In-nuqqas tal-*packing* kien biss waħda miċ-ċirkostanzi li kellhom quddiemhom il-ġurati biex jiddeterminaw il-kredibilita` u/jew ħila tax-xhud. Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk stess P.C. 1525 ma esebiex il-*packing*, dan ma jfissirx li ma kellux il-ħila meħtieġa biex jeleva impronti.

> "(ff) PC1525, mistoqsi mid-difisa jghid illi l-ewwel ma hadem kien fuq blokka numru wiehed, cioe` dik li fuq it-*tape* taghha sab l-impronta. Hu eleva din l-impronta bi *black powder*, pero` ghar-rigward tfittix fuq il-blokok l-ohra wza *white powder*. Dan jista' jidher fatt insinjifikattiv. Pero` bir-rispett mhux. Ghalfejn kellu dan il-perit ibiddel il-kulur tal-*powder*? Il-buon sens jiddetta illi jekk fl-ewwel blokka suppost sab impronta, allura kellu jkompli bl-istess kulur ta' *powder* ghax l-ewwel tentattiv kien success. Ir-raguni tghidlek illi probabbilment kien hadem bil-*black powder* fuq it-*tape* tal-blokok kollha, izda meta suppost eleva l-impronta tal-akkuzat, min jaf minn fejn, kien nesa li qabel dejjem uza *black powder* u allura wza kulur differenti. Jinghad illi l-akkuzat kien mizmum d-depot ghal jumejn u kienu diga` ittiehdulu l-impronti tieghu. It-*tape* li minn fuqha suppost gie elevat osfor."

[10] Paġna 135 tat-traskrizzjoni tax-xiehda.

Hawn mill-ġdid l-appellant qiegħed jikkonġettura. Waqt il-ġuri P.C. 1525 ta spjegazzjoni għaliex kien biddel il-kulur tal-*powder* li uża meta kien qiegħed ifittex għall-impronti. Din l-ispjegazzjoni trid tittieħed fid-dawl tax-xiehda kollha ta' P.C. 1525.

> "(gg) PC 1525 jipproduci l-'ahhar stazzjon' ta' din il-vicenda minghajr ma jtina stampa tal-istazzjonijiet l-ohra. Jghid pero` illi din is-suppost impronta li giet elevata mill-ewwel blokka kienet fuq il-genb. Dan ifisser illi skond din it-tifsira is-sebgha l-kbir kien mal-genb ta' din il-blokka meta kienet qed tigi mizmuma. Bir-rispett izzomm kif izzomm blokka numru 1, hu impossibbli u improbabbli illi ma issibx wkoll marki digitali tas-swaba l-ohra, u dan kif jigi muri waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell. Il-fatt li allegatament instab wkoll parti minn *palm print* ikompli juri illi dan kien aktar kompatibbli ma' xi hadd li kien qed jistrieh fuq xifer ta' mejda, bhal meta wiehed jittiehdulu l-fingerprints tieghu. In ogni caso, din ic-cirkostanza tkompli tmeri dak li suppost sab PC1525."

Fid-dawl ta' dak li kkonstatat din il-Qorti dwar il-paragrafu (bb), dak li qiegħed jgħid hawn l-appellant m'għandux bażi fil-fatt.

**24.** Ikkunsidrat dan kollu, għalkemm ma jistax jingħad illi ma kienx hemm xi nuqqasijiet, dawn in-nuqqasijiet mhumiex tali illi għandhom jinfiċjaw ix-xogħol li għamel P.C. 1525 Patrick Farrugia. Partikolarment m'hemm xejn fl-operat tiegħu li juri li ma setax ifittex għal impronti u jeleva tali impronti.

**25.** L-appellant jgħaddi mbagħad biex jikkritika l-operat ta' Joe Mallia li kien ġie nominat bħala espert ta' l-impronti diġitali mill-Maġistrat Inkwirenti b'digriet tat-22 ta' Mejju 2006 sabiex jieħu l-impronti ta' l-appellant u ta' tlieta min-nies oħra "u sussegwentement jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti diġitali elevati minn fuq ix-xena tad-delitt u dawk tal-fuq imsemmija rġiel". Isaqsi fuq x'hiex ħadem dan l-espert sabiex wasal għall-konklużjoni li wasal għaliha u jekk kienx hemm erbatax-il punt karatteristiku. L-appellant jagħmel is-segwenti sottomissjonijiet:

> "(i) **<u>Fuq x'hiex hadem biex qabbel Joe Mallia?</u>**
>
> "Meta dan il-perit ipprezenta r-relazzjoni tieghu, li kienet datata fit-30 ta' Mejju, 2006, allura qabel ma l-esponent tressaq il-Qorti, hu dejjem qal li fl-ezercizju tal-komparazzjoni tieghu, li hu dejjem hadem fuq *lifter* li kien ttiehed mhux minnu, allegatament mehud minn fuq blokka numru 1. Anke meta xehed fl-Istruttorja fis-16 ta' Gunju, 2006 hu dejjem semma li hadem fuq *lifter*.
>
> "Meta gie jixhed fil-guri, ghall-ewwel darba, qal li hu ma hadimx minn fuq il-*lifter* izda minn fuq ritratt li kien nghata. Din kienet sorpriza. Il-buon sens jiddetta illi kieku hu hadem minn fuq ritratt u mhux *lifter* dan kellu jiftakru meta kiteb ir-relazzjoni tieghu, ghaliex ir-relazzjoni ghamilha mal-hagra it-tajn, jigifieri fi zmien erbat (4) ijiem minn nomina. Izjed sorprendenti, kienet ir-raguni ghaliex hu

kien issa qed jghid ghaliex hadem minn fuq ir-ritratt. Ir-raguni, skond dan ix-xhud kienet, illi minn fuq il-*lifter* ma setax isib 14 il-punt karatteristiku. Id-domanda tohrog wahedha. Allura dak li ma ssibx minn fuq il-*lifter* ghandek issibu fuq ritratt tal-istess? Dan bir-rispett ma jaghmilx sens.

"Il-premess qed jintqal bla pregudizzju ghal dak kollu li intqal aktar 'il fuq f'dan ir-rikors rigwardanti kif ittiehed il-*lifter* minn PC1525. Joe Mallia jenfasizza illi meta kien jahdem hu biex jeleva impronti kien dejjem jordna li jingibdu ritratti fejn hu jkun qed jeleva u jispjega illi jekk per ezempju jkun qed itella impronta minn fuq hajt, jipprova jgib xi *switch* tad-dawl halli jkun hemm kontroll ta' dak li jkun ghamel u jindika l-post ezatt fejn instab. Jghid wkoll illi hu ferm importanti illi, fejn ikun possibbli (bhal fil-kaz tal-*plastic tape* kien possibbli) l-oggett li minn fuqu tkun giet elevata l-impronta, tigi konservata, halli wiehed ikun jista' jikkontrolla, dak li jkun instab. Jghid illi mhux korrett illi hu kien ta xi tharrig f'forma ta' *tutorship* lil xi pulizija ohra (dan kontrarjament dak li qal PC1525). Qal li sakemm hu kien fil-pulizija sa ftit zmien qabel dan il-kaz, il-persuni inkarigati minn *fingerprints* kienu hu, Hughes u Dalli. Accetta illi qabel ma l-laboratorju forensiku tal-pulizija gab il-forn appositu, ezamijiet ta' *fingerprints* kienu jintbaghtu jew Scotland Yard jew il-Germanja. Accetta wkoll illi minn fuq *plastic* hu aktar propizju li jittella l-*fingerprint* bl-uzu tal-kimika.

"Joe Mallia jenfasizza illi hu qatt ma ra l-original; li r-ritratt li gie moghti u allura issa sirna nafu li hadem fuqu, kien ritratt tal-*fingerprint* qabel ma gie elevat u tpogga fuqu il-*lifting tape* fuq *acetate sheet* trasparenti appositu biex jittella; kif wkoll illi hu ma jistax jghid minn fejn giet elevata din l-impronta minghajr ma jara l-original (li ma giex esebit). PC 1525 ma qalx li hekk sar, anzi spjega lill-gurati differentement."

**26.** Din il-Qorti eżaminat ix-xiehda ta' Joseph Mallia. Huwa minnu li fir-relazzjoni tiegħu dan l-espert jirreferi biss għal komparazzjoni ma' impronta fuq il-"lifter" 06BML301, iżda fl-istess relazzjoni b'referenza għall-faxxikolu fotografiku li hejja l-istess espert, jagħmel referenza għal "ritratti". Inoltre huwa kellu f'idejh l-*envelope* kollu esebit minn P.C. 1525 Patrick Farrugia li kien jikkontjeni l-*lifters*, ir-ritratti tagħhom u r-ritratti tal-postijiet mnejn ġew elevati l-impronti. Dan jirriżulta mix-xiehda tiegħu, fejn anke jgħid illi kellu f'idejh ir-ritratt il-blu (06BML301 BB – *blow-up* ta' impronta diġitali fuq il-*lifter* 06BML301) u li "il-*comparison* finali biex ngħid hekk għamilthom minn fuq ir-ritratt il-blu, *cross-checking* mal-*lifter*. Pero` l-*lifter* ma kienx fih l-informazzjoni kollha li tidher fuq dak ir-ritratt."[11] Qal ukoll illi ma setax jgħid minn fejn ittieħed dak ir-ritratt għax ma kienx preżenti meta ġie żviluppat u ma kienx jaf minn fuq liema s*urface*. Qal, pero`, li għandu jifhem li ttieħed "qabel ma ġie elevat, 'il għaliex jekk jiena nħares lejn il-*lifter* 301 ninduna illi dan ir-ritratt il-blu fih aktar informazzjoni ta' *ridge characteristics* mill-*print* li jidher fuq il-*lifter*.... il-kontenut tal-*lifter* fin-nofs, id-disinn li hemm huwa bħal dan id-disinn, in-nofs, pero` iżjed ma toħroġ 'il barra jintilef, iżjed ma toħroġ 'il barra

[11] Paġna 154 *ibidem*.

fil-*lifter*; fir-ritratt dak huwa tajjeb."[12] Hawn din il-Qorti tirreferi għax-xiehda ta' P.C. 1525 li qal dwar il-proċess ta' preservar ta' l-impronti: "Għadhom ma bdewx jinfetħu l-pakketti u konna gia` żviluppajna ritratti diġitali. Wara li ġew żviluppati dawk l-impronti diġitali, jiena neżamina, nara x'hemm tajjeb, nelevah, mingħandi jgħaddi għand l-ispiżjar Mario Mifsud sabiex ikompli bil-proċess tiegħu bil-ftuħ tal-pakketti".[13] U jiddeskrivi l-*blow-up* Dok 06BML301 BB bħala "waħda mill-impronti diġitali li kienet ġewwa Dok 06BML301, jiġifieri l-impronti li ġew misjuba fuq blokka numru 1."[14] Imbagħad in kontro-eżami jgħid li l-*blow-up* huwa ta' parti mil-*lifter*. Jispjega: "Aħna għandna tliet sorsi ta' dan il-*lifter*; għandna l-*lifter* per se, għandna r-ritratt *black and white* ... u għandna *blow-up* ta' din l-impronta...."[15] Fid-dawl ta' dak li xehed P.C. 1525, anke jekk stess Joseph Mallia ħadem prinċipalment minn fuq il-*blow-up* imsemmi, xorta ġie li ħadem fuq impronta elevata minn fuq il-blokka numru wieħed (1). Kwantu għat-*tutoring*, Joseph Mallia jgħid li "dan kien ikun għaddej bix-xogħol u ngħidlu isma' dik aħjar tagħmilha hekk milli tagħmilha hekk, speċi parir mhux lezzjonijiet."[16] Effettivament kull ma qal P.C. 1525 dwar it-*tutoring* hu li meta f'Awwissu 1995 ġie assenjat il-Laboratorju Forensiku għamel tliet xhur ġewwa jingħata *tutoring* mingħand is-s*enior officers* u li wieħed minnhom kien is-Surġent Joseph Mallia.[17]

**27.** L-appellant imbagħad jgħid:

> "(ii) **<u>L-14 il-punt karatteristiku.</u>**
>
> "Kif diga` intqal, Joe Mallia jghid illi minn fuq il-*lifter* ma setax isib 14 il-punt karatteristiku. Gie mistoqsi li fuq certi punti meta hu hadem fuq ritratt ingrandit, ma kienux cari biex jidhru u jitqabblu. Ovvjament dawn id-domandi dwar punti specifici mhux cari saru wara li d-difisa kellha konsulent fuq din il-materja. Mallia ammetta li mhux cari, pero` qal li ghalih, ghalkemm mhux cari, kienu identifikabbli.
>
> "Jigi rilevat illi d-Dokument F10 – r-ritratt li jintuza biex jinhargu l-14-il punt karatteristiku, Mallia ma jghidx minn fejn zviluppah. Fil-kazijiet ta' dokument F5, per ezempju, Mallia jghid li hu ritratt tal-*lifter* ngrandit ghall-komparazzjoni, u li d-dokument F7 jghid li hu ritratt ingrandit kif migbud u zviluppat *mono chrome* minnu stess. Pero` rigward dokument F10 xejn."

**28.** Joseph Mallia xehed li ħadem fuq il-*blow-up*, u li ħa ritratt tiegħu wkoll. Minn eżami tad-dokument F10, m'hemmx dubju li din hija kopja oħra ta' l-F5 u l-F7.

---

[12] Paġni 157 – 158 *ibidem*.
[13] Paġna 123 *ibidem*.
[14] Paġna 124 *ibidem*.
[15] Paġna 140 *ibidem*.
[16] Paġna 159 *ibidem*.
[17] Paġna 128 *ibidem*.

**29.** L-appellant ikompli jgħid:

"Rigward punti karatteristici li Mallia jghid li sab, il-punti 2 u 3 ta' fuq dokument F10 ma jaqblux ma' dawk ta' fuq d-dokument F11 – fuq dokument F11 il-punti 2 u 3 qieghdin ezatt fuq xulxin, tista' tghaqqad *vertical line* bejn iz-zewg punti, izda fuq dokument F10 point 2 mhux ezattament fuq point 3 anzi, hemm xi differenza ta' xi 5 [gradi] from North *minimum*. L-istess hemm bejn points 4 u 5. Jekk taqta' *horizontal line* fuq point 5, fuq dokument F10 point 4 jigi, jekk mhux fuq l-istess *horizontal line*, almenu 'l fuq minn dan l-istess line, izda fuq dokument F11, jekk taqta' *horizontal line* fuq point 5, point 4 tigi taht dan il-*horizontal line*. Point 9 fuq dokument F10 *is in the middle of nowhere*, hemm wisq *smudging* biex wiehed jista' jikkompara dan il-punt mal-istess punt fuq dokument F11. L-istess jghodd ghal point 8."

**30.** Rigward il-punti 2 u 3, id-differenza hi fil-linji li pinġa l-espert fejn, partikolarment in kwantu l-angolatura tal-linja rigward il-punt 2 fl-F10, din hi differenti minn dik fl-F11. Inoltre d-direzzjoni angolari ta' l-impronta kif tidher fl-F10 mhijiex preċiżament bħal dik fl-F11. Għalhekk mhijiex kwistjoni ta' sempliċement taqta' linji kif jgħid l-appellant. Imbagħad, kwantu l-punti 4 u 5 u 8 u 9 Joseph Mallia xehed dwarhom waqt il-ġuri u qal bla tlaqliq li għalkemm mhumiex ċari kristall pero` għalih qegħdin hemm u mmarkahom.

**31.** L-appellant jagħmel diversi sottomissjonijiet oħra biex jargumenta li l-konklużjoni ta' Joseph Mallia m'għandhiex tiġi milqugħa:

"F'dan il-kuntest hu wkoll ferm importanti li jigu puntwalizzati s-segwenti:

"Ma hux l-iskop tal-esponenti li jattakka l-konkluzjoni xjentifika attwali illi l-*fingerprints* ta' persuna huma *unique* ghal dik il-persuna li minghandu ikunu ittiehdu.

"Dak li ser jigi ulterjorment puntwalizzat hawnhekk mill-esponent hu bazat fuq l-argument illi dak li ikkonkluda Joe Mallia meta ghamel il-komparazzjoni tieghu mhux *reliable* minhabba l-kobor u kjarezza tal-*latent print* li allegatament PC 1525 sab fuq it-*tape* tal-blokka numru 1. L-argument hu manifest. L-impronta mhux cara u hu evidenti illi l-punti taghha ma jaqblux, b'hekk li m'ghandhiex tigi mibnija xi konkluzjoni fuqha semplicement **"in the name of not letting the best be the enemy of the good"**. Hawnhekk qed niddiskutu l-liberta` ta' persuna.

"Mill-premess johrog illi l-esponent ghalhekk qieghed jattakka l-interpretazzjoni ta' Joe Mallia, liema interpretazzjoni hija merament evalutazzjoni soggettiva. Anke l-istess Joe Mallia jaqbel illi dan hu test soggettiv. Hu accettat minn awturi u xjenzjati in materja illi:

"*Those who challenge fingerprints... claim that the process of comparing and matching two sets of fingerprints is very subjective, inherently subject to human error and contextual influences, and that the accuracy of examiners' comparisons*

*is untested. It is argued that poor quality latent fingerprints can make the fingerprints of two individuals, whose full prints are entirely different, look similar enough for an examiner to erroneously conclude that there is a match. (Criminal Justice 200 7-2008 - The Limitations of Fingerprint Identification.*

"Il-kultura awtorevoli dwar is-sistema li biha hadem Mallia illum ma hiex daqstant b'sahhitha. Minflok illum qed tintuza procedura maghrufa bhala ACE-V (**analysis, comparison, evaluation and verification**). Dan il-metodu issostitwixxa *the point counting system*. F'dan is-sistema, fejn *an independent comparison, analysis and evaluation of the friction ridge impressions is made by a second qualified examiner*, il-procedura wzata hi dik tar-*ridgeology method* li tiffoka fuq tlett livelli differenti ta' dettal. Dan il-metodu ta' *ridgeology* kreat minn David Ashbaugh janalizza il-*pattern of friction ridges* u ma jiddependix fuq numru ta' punti komuni specifici. L-ewwel livell jikkonsisti f'*ridge flow, overall friction ridge path in the fingerprint*; it-tieni livell f'*ridge path formations, specific friction ridge path in the fingerprint*; u t-tielet livell f'*ridge path deviation, small ridge shapes and relative pore locations in a fingerprint*. Dan juri kif hemm sistemi aktar moderni kif wiehed jezamina u jikkompara fingerprints. Meta Mallia gie mistoqsi dwar dan is-sistema, qal li qatt ma sema' biha. Ma hemmx dubju, illi kif jigri f'hafna affarijiet ohra, l-periti pulizija li jkunu hadu xi kors min jaf kemm snin ilu, baqghu mkahhla ma' dak li kienu jafu u ma imxewx maz-zminijiet moderni u aktar sikuri. Meta jkollok kaz bhal dan li ghandha quddiemha l-Qorti, fejn l-istess Mallia jistqarr illi mill-*latent print* ma setax isib 14 il-punt, allura din is-sistema hi aktar konformi mit-test purament soggettiv.

"L-awturi fuq dan is-suggett jipprecizaw hames punti validissimi u cioe` (1) illi kontrarjament kif jistghu jahsbu hafna nies, l-analisi tal-*fingerprints* ma hiex kondotta minn xi *computer* jew xi apparat iehor sofistikat, izda ssir minn bniedem li jista' jizbalja; (2) li irid jigi accertat illi min eleva l-impronta hu persuna indipendenti li jaf x'ikun qed jaghmel ghaliex *fingerprints don't lie but liars take fingerprints*; (3) li hi *conventional myth* illi l-ezamijiet ta' fingerprints hu oggettiv u xjentifiku; (4) illi l-analazi u ezamijiet fuq *fingerprints* hi arti pseudoxjentifika; u (5) illi l-opinjoni ta' min jezamina u jqabbel *fingerprints* hi u dejjem tibqa' determinazzjoni soggettiva.

"Mill-assjem tal-premess ghalhekk johrog car illi (a) il-komparazzjoni ta' *fingerprint* mhux infallibbli u min jezaminaha jista' jkun zbaljat; (b) konkluzjoni dwar qbil ta' *fingerprint* ma hix la *foolproof* u lanqas *fraud proof*. Is-sistema ta' l-identifikazzjoni hi infallibbli imma l-espert mhux; (c) min jezamina jrid ikun 'il fuq minn kull pregudizzju; ma jridx ikollu dak li jissejjah *cognitive confirmation bias*, jew behavioral confirmation bias. (Dawn jigu diskussi aktar l'isfel f'dan ir-rikors); (d) illi meta min jiggudika jigi biex jizen il-kredibbilita` ta' min jezamina l-*latent fingerprint* irid jara *whether there are dissimilar fingerprint ridge characteristics, the size of the latent fingerprints and its quality and clarity* (dawn wkoll ser jigu diskussi ghal darba ohra aktar tard f'dan ir-rikors); u (e) illi bhal opinjoni ta' tabib ghal kondizzjoni medika serja hu rakkomandabbli li jkun hemm *a second opinion* abbazi tal-*latent print* u l-oggett minn fejn ikun ittella ghaliex l-opinjoni ta' *fingerprint expert* ma hiex konklussiva sabiex tistabilixxi htija. *'Expert opinions are not always the same and the more risk there is involved the*

*more you don't trust blindly such opinion and seek another expert – here we have the liberty of an individual at stake'.*

"L-awturi fuq dan is-suggett jitkellmu wkoll illi: *"It is not technically difficult for someone to lift a fingerprint from something the suspect touches during an arrest or an interrogation and claim the print was found at the scene. Overzealous police officers and fingerprint experts have forged fingerprints. It can happen again" - Criminal Law Bulettin, Vol 40, No.3*. Jitkellmu wkoll fuq is-suggett ta' *mislabeling* u jaghtu certa punti ta' indikazzjoni fejn wiehed jista' jinduna li dan ikun sehh.

"Jissemmew:
*- A position or orientation of the fingerprint on the lift inconsistent with the normal handling of the alleged surface;*
*- If the mislabeled lift is included with a stack of legitimate lifts and it has been taken with a different powder or tape (or placed on a different style of lift card);*
*- Cropped fingerprint images in a photograph or on charted enlargements;*
*- The original surface or item on which the latent print was developed could have been preserved but was not;*
*- A single fingerprint identification in the absence of any other reliable evidence linking the defendant to the crime;*

"Wara li gew puntwalizzati dawn il-fatturi premessi, l-esponenti ser jghaddi sabiex jezamina kif dawn huma realment applikabbli ghal dan il-kaz.

"Jekk wiehed jara l-indikazzjonijiet li ghadhom kif gew appena indikati meta jkun hemm *mislabeling*, wiehed isib illi kwazi kollha huma applikabbli ghal dan il-kaz. Dawn ser jigu diskussi wiehed wiehed.

"***<u>A position or orientation of the fingerprint on the lift inconsistent with the normal handling of the alleged surface</u>***

"PC1525 jallega illi l-impronta allegatament tal-esponent instabet fuq blokka numru 1 mhux fuq iz-zewg nahat catti taghha, izda mal-genb ta' wahda minn nahat, dejjem fuq il-*plastic tape* li fih kienet imgezwra. L-allegat sebgha li nstab, kien it-*thumb*. Dan hu inverosimili u merut mic-cirkostanza illi blokka qatt u qatt ma tista' tinqabad biex thalli marka tas-sebgha il-kbir, minghajr ma thalli l-marki tas-swaba l-ohra jew uhud minnhom. PC 1525 qal li sab biss dan. Mela kif jghidu l-awturi dan hu kaz meta l-*lift is inconsistent with the normal handling of the alleged surface*.

"***<u>If the mislabeled lift is included with a stack of legitimate lifts and it has been taken with a different powder or tape (or placed on a different style of lift card)</u>***

"F'dan il-kaz, kif diga` intqal, intuza *powder* kulur mod ghall-ewwel blokka u kulur iehor ghall-blokok l-ohra, meta fuq l-ewwel blokka suppost sab impronta u allura ma kellux raguni ghalfejn ibiddel il-kulur tal-*powder*. Mela kif indikat hawn hekk, hawn probabbilita` illi l-*lift* kienet *mislabeled 'it has been taken with a different powder'*.

"***The original surface or item on which the latent print was developed could have been preserved but was not.***

"Kif diga` gie sottomess, il-*plastic tape* minn fuqhiex allegatament ittiehed dan il-*lifter* qatt ma gie esebit f'dan il-kaz. PC1525, li hu l-istess persuna li eleva l-impronta minghajr ebda awtorizzazzjoni mill-Magistrat u kellu pero` mill-buon sens u l-Ligi l-obbligu impost fuqu sabiex jippriservaha u jesebiha, ma kellu l-ebda raguni ghalfejn ma jaghmilx hekk, hlief li probabbilnient ried jahbi kull possibilita` ta' kontroll. Ghalhekk insibu wkoll din l-indikazzjoni u cioe` li l-*"item on which the latent print was developed could have been preserved but was not"*.

"***A single fingerprint identification in the absence of any other reliable evidence linking the defendant to the crime.***

"Hu dan l-allegat *fingerprint* li l-prosekuzzjoni qed tallega illi allura l-akkuzat gie fl-isfera ta' kontroll tar-raza u kwindi il-bazi tat-tieni kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

"Aktar l'fuq f'dan ir-rikors issemmew xi argumentazzjoni illi l-esponent indika li kien ser jaghmel sottomissjonijiet dwarhom. Dawn kienu:

**Min jezamina irid ikun l'fuq minn kull pregudizzju; ma jridx ikollu dak li jissejjah *cognitive confirmation bias*, jew *behavioral confirmation bias*.**

Min jezamina impronta ikun soggett ghal *cognitive confirmation bias*, meta ikollu *a tendency to seek out and interpret evidence in ways that fit existing beliefs*. Sa ftit zmien qabel ma gie moghti dan l-inkarigu, Joe Mallia kien membru fit-taqsima forensika tal-pulizija. Kien pulizija jahdem fuq *fingerprints*. Meta Joe Mallia kien qed jixhed u kien qed jigi mistoqsi mid-difisa illi kien hemm talanqas sitt punti mill-14 li qal li sab, li ma kienux cari, hu afferma kemm il-darba illi, ghal meta kien fil-pulizija li jkollok 8 punti karatteristici kien bizzejjed. Spjega wkoll, pero` illi meta kien ikollhom 8 punti, l-kaz ma kienx jingieb quddiem il-Qorti ghaliex ghal Qorti irid ikollok talanqas 14 il-punt. Spjega li *fingerprint* ikollu hafna aktar minn 14 il-punt, izda f'dan il-kaz sab 14 il-punt ezatt.

"Hawn jidher allura illi dak li jiktbu l-awturi bhala regola tad-deheb inkisret. Mallia kellu dan it-twemmin go fih illi b'anqas minn 14 il-punt kien bizzejjed ghal fini ta' investigazzjoni, pero` kien jaf wkoll illi l-pulizija ried ikollha 14 il-punt biex taghmel prova li tista' tistrieh fuqha. Kif ser jinghad aktar tard, dan pogga lill-gurati jaslu ghal konkluzjoni illi allavolja jista' ma jkunx hemm 14 il-punt, ghal dan il-perit, 8 kienu bizzejjed. Ghal finijiet ta' dan l-argument, pero` Mallia kellu *cognitive bias* ghaliex kellu indubbjament *a tendency to seek out and interpret evidence in ways that fit existing beliefs*.

"Jjssemma wkoll il-kuncett ta' *behavioral confirmation bias*. Dan isehh meta ikun hemm *a tendency for people to procure unwittingly support for their beliefs through their own behavior*. Hekk ghamel bir-rispett Mallia. Mhux biss ipprova jbiegh l-idea illi 8 punti huma bizzejjed ghal fini ta' investigazzjoni ghal aktar minn darba, imma meta wiehed jezamina r-relazzjoni tieghu isib illi qatt ma wera kif u come sab dawn il-punti karatteristici. Fir-relazzjoni wasal ghall-konkluzjoni,

indika fuq ritratt fejn skond hu kienu l-14 il-punt, izda bl-ebda mod ma wera ghaliex qed jghid li qablu, hlief li kienu jaqblu. Ma jsemmi xejn dwar fatturi bhal *ridge flow, overall friction ridge path in the fingerprint; ridge path formations, specific friction ridge path in the fingerprint, ridge path deviation, small ridge shapes and relative pore locations in a fingerprint* biex juri kif wasal ghall-konkluzjoni tieghu.

"Hawn jidher car illi fil-kors kollu ta' dan il-kaz ghandek il-pulizija li kienu apparentement konvinti mill-htija tal-akkuzat u kienu qeghdin isibu fatti sabiex jiffittjaw it-twemmin apparenti taghhom fil-kaz. Veru illi l-gurija kienet indirizzata illi jistghu ma joqoghdux ghall-konkluzzjoni ta' dan il-perit kontra l-perswazzjoni taghhom, pero` kienu wkoll indirizzati li jrid ikun hemm ragunijiet validi biex jaghmlu hekk. Kif setghet il-gurija legittimament u ragjonevolment toqghod fuq perit li jghid x'ikkonkluda, minghajr ma juri b'mod car ghaliex punt qed jaqbel mal-iehor. Mallia kien jaf li f'dan il-kaz gebbed l-imaginazzjoni tieghu biex sab 14 il-punt ezatt u kien ghalhekk li mill-bidu nett tax-xhieda tieghu ipprova jiggustifika ruhu.

"**<u>Illi meta min jiggudika jigi biex jizen il-kredibbilita` ta' min jezamina l-*latent fingerprint* irid jara *whether there are dissimilar fingerprint ridge characteristics, the size of the latent fingerprints and its quality and clarity.*</u>**

"Din l-argumentazzjoni ssemmiet wkoll aktar l'fuq f'dan ir-rikors b'indikazzjoni li kienet wkoll ser terga' tigi ttrattata.

"Joe Mallia jixhed illi meta hu pprova jahdem minn fuq il-*latent fingerprint* hu ma setax isib 14 il-punt karattenistiku. Ir-raguni hi illi l-*latent fingerprint* ma kienx ta' kwalita` tajba u zgur mhux car. Jigi imfakkar, illi kif diga` indikat, Joe Mallia dejjem qal fir-relazzjoni tieghu li kien hadem fuq dan il-*latent fingerprint* ossia *lifter*. Kien biss fil-guri illi qal li hadem minn fuq ritratt. Jammetti illi mhux facli tghid illi certa punti huma cari, pero` ghalih dawn il-hames punti harighom, minghajr ma spjega fuq liema kriterji u kif. Ghaldaqstant l-gurija tpoggiet f'sitwazzjoni illi taccetta dak li kien qed jghid *a bocca baciata*. Pero` dan mhux il-mod kif gurija tasal ghal konvinciment morali. Anzi!! Legittimament u ragjonevolment, tenut kont mhux biss din l-argomentazzjoni izda l-assjem ta' sembjanza ta' provi kwantu l-kwadru generali relatat ma tehid u ezami ta' dan il-*fingerprint*, hemm altru minn dubju dettat mir-raguni. Kif ser jissemma aktar tard f'dan ir-rikors, pero`, l-indirizz ta' l-Imhallef beda mill-ewwel fuq dan is-suggett, fejn inghataw certa assigurazzjonijiet dwar l-operat u sinjifikat ta' tali periti, b'mod li fejn hemm dubju dettat mir-raguni, issa tnehha."

**32.** M'hemmx dubju li s-sottomissjonijiet li għamel l-appellant huma ta' sustanza u għandhom valur argumentattiv. Ciononostante, din il-Qorti mhijiex tal-fehma illi huwa suffiċjenti biex jitfgħu 'l barra t-tletin sena esperjenza li l-espert Joseph Mallia xehed li għandu f'dan il-qasam. Taqbel ma' l-appellant, u kif jgħid l-espert stess, illi hemm numru ta' punti li mhumiex ċari. Iżda frankament ma tistax issib raġuni valida biex tiskarta dak li l-imsemmi espert kategorikament jgħid illi huwa identifika bħala punti karatteristiċi konverġenti. Huwa minnu li l-appellant jgħid ukoll illi Joseph Mallia qal li ħadem fuq il-

*blow-up* peress illi fuq il-*lifter* id-disinn, aktar ma toħroġ 'il barra aktar jintilef. Din il-Qorti, pero`, eżaminat l-impronta li tidher fil-*lifter* permezz ta' lenti u pparagunat dak il-*lifter* mal-*blow-up* u m'għandha l-ebda dubju illi l-*blow-up* huwa proprju ta' dik l-impronta. Għalkemm l-appellant jgħid illi Joseph Mallia ma spjegax kif sab il-punti karatteristiċi, dan l-espert spjega dak li jfittex u anke spjega fejn ġie mistoqsi, bħal fil-każ tal-punti 4 u 5, kif wasal għalihom. Inoltre ma tara l-ebda element ta' preġudizzju fl-operat ta' dan l-espert li, għalkemm kien għamel perijodu twil jaħdem fil-laboratorju forensiku, meta ġie nkarigat f'dan il-każ kien diġa` ilu sitt snin jaħdem bħala s*elf-employed*.

**33.** Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti hi tal-fehma li l-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu li ma kellhomx raġuni valida sabiex ma jaċċettawx il-konklużjoni raġġunta minn Joseph Mallia.

**34.** L-appellant jgħaddi mbagħad biex jagħmel numru ta' sottomissjonijiet dwar l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresejda l-ġuri. Fl-ewwel lok **jilmenta b'mod ġenerali dwar l-indirizz**: l-enfasi u ton differenti fuq id-difiża ta' l-akkużat b'kuntrast ma' dawk fil-konfront tal-prosekuzzjoni; osservazzjonijiet li kienu diretti biex jiġġustifikaw l-aġir ta' P.C. 1525 u Joseph Mallia; il-mod brev, każwali u mhux dejjem korretta ta' kif tqiegħdet it-teżi tad-difiża; il-kumment għall-aħħar ta' l-indirizz lid-difiża "That is the best I can do sir. Issa mbagħad jekk ħallejt xi ħaġa barra good luck to you x'imkien ieħor"; it-tul li ttieħed għar-riepilogu tal-fatti; il-mod ta' kif dak li ntqal dwar il-periti nnewtralizza b'ċerta oraterija, enfasi u kambjament tal-vuċi kull sottomissjoni tad-difiża; il-proċedura mgħaġġla li wasslet għal għajja u f'ħin minnhom l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri anke jaħtaf lill-prim ġurat għaliex kien rieqed jew b'għajnejh magħluqa. Imbagħad jgħaddi biex jagħmel numru ta' **sottomissjonijiet speċifiċi** li jirrigwardaw il-mod kif l-Imħallef li ppresjda l-ġuri ttratta: il-linja difensjonali ta' rregolaritajiet ta' proċedura u operat tal-Pulizija; il-ħatra ta' l-esperti; l-istqarrija ta' l-akkużat; it-talba ta' *video tape* mill-prosekuzzjoni; l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali.

**35.** Issa, fit-termini ta' l-artikolu 465 tal-Kodiċi Kriminali l-funzjoni ta' l-Imħallef fil-ġuri fl-istadju ta' l-indirizz hija li jfisser lill-ġurati x-xorta u l-elementi tar-reat miġjub fl-Att ta' Akkuża, kif ukoll kull punt ieħor tal-liġi li f'dak il-każ partikolari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-ġurati u li jiġbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu meħtieġ, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, ifisser lill-ġurati s-setgħat li għandu fil-każ partikolari, u jagħmel kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu.

**36.** B'hekk il-ġurati għandhom jitpoġġew fl-aħjar posizzjoni possibbli, kemm għal dik li hi liġi, kif ukoll għal dawk li huma fatti, biex ikunu jistgħu jaslu għal

verdett b'serenita` u bl-inqas komplikazzjonijiet u konfużjoni possibbli, u fuq kollox li l-istess indirizz ikun bilanċjat b'mod li l-ġurati jkunu konxji l-ewwel u qabel kollox, illi huwa l-istess Imħallef li huwa imparzjali fir-rigward tal-ħtija o meno ta' l-akkużat u li ma jkunx wera preferenza jew ta aktar importanza lejn naħa jew oħra.

**37.** Din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett għal dak li jipprovdi l-artikolu 463(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` li jmiss lill-Qorti "li trieġi s-smigħ tal-kawża". Minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, ma jirriżultax li l-ewwel Qorti eċċediet il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha bil-mod kif mexxiet is-smigħ tal-ġuri.

**38.** Imbagħad, minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-indirizz li, kif dejjem ingħad, <u>għandu jigi kkunsidrat fit-totalita` tiegħu</u>, ukoll ma jirriżultax li l-ewwel Qorti eċċediet il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha bl-osservazzjonijiet li għamlet, salv fil-punt meta, wara li kien ittermina jirriassunta t-teżi tad-difiża, l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri indirizza lid-difiża bil-kliem: "That is the best I can do, sir, issa mbagħad jekk ħallejt xi ħaġa barra good luck to you." L-appellant jgħid illi din is-sentenza spiċċat bil-kliem "x'imkien ieħor". Mit-traskrizzjoni ta' l-indirizz[18] dan ma jirriżultax. Naturalment xorta lanqas m'għandu qatt jingħad kumment bħal "good luck to you". Fl-istess ħin din il-Qorti, meta jiġi kkunsidrat l-indirizz fit-totalita` tiegħu, dan li l-appellant stess jgħid li kien "slip of the tongue" żgur ma setax iwassal lill-ġurati jaħsbu li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri kien qiegħed juri xi preġudizzju kontra l-appellant. Il-preokkupazzjonijiet u t-teżi tad-difiża ġew ippreżentati b'mod ċar lill-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu li jivvalutaw il-provi kollha miġjuba mingħajr ma b'xi mod ġie użurpat id-dritt ta' rażoċinju tagħhom mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri.

**39.** Din il-Qorti tfakkar ukoll dak li ntqal minn Lord Alverstone, C.J. f'in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 217 (**Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003**, para. 7-53 p. 936): ***"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced."*** U kif tgħid Rosemary Pattenden fil-ktieb tagħha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990) f'pagni 178 – 180: ***"The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given …' (per Goddard LCJ, Clayton-Wright (1948) 33 Cr App R 22 p. 29)."***

---

[18] Paġna 333 *ibidem*.

**40.** Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravju ta' l-appellant li huwa nstab ħati ħażin fuq il-fatti. L-appellant jgħid:

> "Ghalkemm l-investigazzjoni tal-pulizija kienet immexxija mill-Ispettur Nezren Grixti jidher illi dak iz-zmien Superintendent u llum Assistent Kummissarju Neil Harrison kien l-oghia ufficjal li ukoll ha parti attiva fuq l-allegata xena tad-delitt. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-Ispettur Nezren Grixti u sew minn ritratti fejn l-imsemmi Neil Harrison jidher car u anke ssemma waqt ix-xhieda ta' pulizija.
>
> "Kwantu ghall-fatti, li mhux ser jigu ripetuti, li allegatament graw hdejn il-gabbana tal-gelati, ghalkemm kwalsiasi narrazzjoni ta' kull fatt mill-Ispettur Grixti tammonta ghal *hearsay evidence* u kwindi inammissibli, dan l-istadju ghandu jigi ezaminat minhabba certa cirkostanzi li huma, fl-umili fehma tal-esponent, importanti ghall-assjem tal-kaz.
>
> "BI-istess mod, kif diga` ssemma, illi l-prosekuzzjoni holqot effett, permezz ta' provi inammissibli, fejn rabtet dan l-istadju mal-istadju ta' dak li allegatament sehh fi Triq San Gwann l-Evangelista, in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li iggib provi ammissibli dwar dan l-istadju jixhet dawl fuq il-kaz illi tal-anqas mill-bidu nett ta' dan il-kaz bhala fatti, il-pulizija ma qdietx id-dmir taghha li ggib il-provi kollha favur jew kontra l-akkuzat. Din hi cirkostanza li hija l-ewwel holqa f'sensiela ta' holoq ohra ta' cirkostanzi illi juru illi tenut kont dak li jiddisponi l-artikolu 637 it-tezi in generali tal-prosekuzzjoni ma hix wahda kredibbli. Il-buon sens jiddetta illi kieku kien vera dak li allegat il-pulizija li sehh hdejn il-gabbana tal-gelati, kellek diversi pulizija li jistghu jiddeponu dwar l-istess inkluz l-oghla ufficjal fir-rank ta' supretendent.
>
> "Kwantu ghat-tieni stadju ta' l-allegat lokalita` tad-delitt, ghandhom jigu puntwalizzati s-segwenti valutazzjoni tac-cirkostanzi u cioe`:
>
> • Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Grixti u taz-zewg pulizija PC 213 u PS 579, illi dawn l-ahhar imsemmija membri tal-Korp intbatu ti Triq San Gwann Evangelista b'mod li ma jaghtux fil-ghajn u minghajr ebda istruzzjoni specifika fejn joqghodu fl-istess triq, biI-ghan li jekk dawn jigu hekk imsejjha jkunu jistghu jibblokjaw it-triq lil xi terz Ii jkun qed isuq vettura, suspettat tar-reat.
>
> • Jirrizulta mill-provi illi dawn ghazlu fetha f'hajt tas-sejjieh fuq in-naha tal-lemin int u diehel fit-triq imsemmija minn fejn warbu xi gebel fl-art biex dahlu bil-karozza u pparkeggawha magemb sigra fuq ix-xellug int u diehel mill-istess fetha. Il-mod kif spjegaw li giet ipparkeggata f'din l-ghalqa kien facli ghal kull min jidhol mill-fetha illi jara l-imsemmija karozza li kienet ta' kulur abjad, meta ma kienx ghadu dalam.
>
> • Dawn iz-zewg pulizija (jinghad tnejn ghax it-tielet li kien maghhom qattma xehed) jghidu li ghal habta tas-7.00pm giet karozza Peugeot bajda 406, b'passiggier nizel minnha, mexa minn gol-fetha u ezatt bi dritthom pogga xkora

mal-hajt ftit lura mill-fetha in-naha tal-lemin int u diehel. Skond huma dawn rawh meta huma kienu fil-karozza.

• L-istess zewg pulizija jghidu li huma kienu lebsin ggieget bil-kelma ‘Pulizija’ fuq quddiem tal-istess.

“Minn dawn il-fatti premessi hemm sensiela ta’ cirkostanzi illi jkomplu jixhtu dawl fuq din l-investigazzjoni nebuluza. Dawn huma:

• Ma hu assolutament xejn verosimili li dawn iz-zewg pulizija jaghzlu I-post imsemmi fejn ipparkeggaw il-vettura taghhom u ghageb tal-ghegubijiet minn lokalita` daqshekk vasta ta’ Bahar ic-Caghaq kollu, dan l-istess passiggier tal-karozza kellhu jaghzel propjament fejn kienu huma qishom batulu xi messagg minn qabel biex imur sa hdejhom. Dan m’ghandux mis-sewwa u din hija cirkostanza illi ghandha tkompli torbot mac-cirkostanzi gia msemmija ta’ hdejn il-gabbana tal-gelati li juru li dan il-fatt ma hux kredibbli.

• Ghal darb’ohra l-istess spettur Grixti li mexxa l-prosekuzzjoni fl-istruttorja, jaf li maz-zewg pulizija l-ohra kien hemm pulizija iehor, pero` illi dan ma jingungihx bhala xhud. Hu jghid li dan il-pulizija ma kienx important. Iz-zewg pulizija l-ohra jghidu Ii dan kien dejjem maghhom u f’vicinanza estremissima. Din ir-raguni tal-ispettur ma hiex kredibbii u ma ghandhiex mis-sewwa. L-istess bhal meta, kif diga` gie accennat aktar il-fuq, il-Qorti fl-indirizz taghha, indirizzat lill-gurija li r-raguni li ta l-akkuzat ghalfejn ma wiegebx ghal certa domandi ghandha tigi mehuda in konsiderazzjoni biex wiehed jara l-kredibilita` tieghu in generali, l-istess japplika hawn ghat-testimonjanza tal-ispettur, li wara kollox kien qed imexxi l-investigazzjoni.

• Meta, kif allegat, dahal l-imsemmi passiggier, kieku dan pogga l-ixkora kif spjegaw iz-zewg pulizija, peress illi fuq in-naha tal-lemin ta’ persuntu kien hemm il-hajt, biex dan johrog minn fejn dahal kellu jdur fuq ix-xellug, fejn *in full view* kien jara lill-karozza pparkeggata bil-persuni, bil-ggieget b’‘Pulizija’ miktub fuqhom. Ghalhekk, dan il-passiggier bil-fors kellu jarahom u kieku hu kien qieghed jaghmel dak l-att kellu jahrab minn fuq il-post mill-ewwel bil-karozza li suppost kien riekeb fiha. Ghal darb’ohra din ic-cirkostanza mibnija fuq il-buon sens turi li l-versjoni taz-zewg pulizija ma hix kredibbli u m’ghandhiex mis-sewwa.

• L-istruzzjonijiet tal-ispettur Grixti kienu originarjament illi dawn it-tlett pulizija ma kellhomx jghatu fil-ghajn. Meta faccata ta’ fejn kienu hu kollu mibni u allura l-buon sens jiddetta li xi hadd seta’ jinnutahom, ma ghandhux mis-sewwa li dawn kienu lebsin ggieget bil-kelma “Pulizija” kbira fuq wara tal-istess u l-kelma “Pulizija” fuq quddiem ukoll. Hu kontro sens illi xi hadd ghandu ma jaghtix fil-ghajn u fl-istess waqt qed jattira l-attenzjoni tal-identita` tieghu.

• Ghandu jinghad illi meta dawn iz-zewg pulizija xehdu fl-Istruttorja qasir zmien hafna wara d-data tal-allegat reat huma qatt ma xehdu dwar xi partikolarita` tal-persuna tal-passiggier imsemmi. Meta xehdu fil-guri, it-tnejn li huma, bir-rispett, b’mod pappagallesk, jghidu illi dan il-passiggier kien ‘mibni, b’t-shirt bajda u ssikkata mieghu’. Meta gew mistoqsija in kontro ezami kif dan il-fatt tant

importanti qatt ma xehdu dwaru, dawn jghidu illi huma qatt ma kienu gew mistoqsija dwar dan. Din ir-raguni ma hix kredibbli u m'ghandhiex mis-sewwa. Dawn iz-zewg pulizija mhumiex godda fil-Korp. Jafu li dettal daqstant importanti m'ghandekx ghalfejn tigi mistoqsi dwaru. Ma ghandux mis-sewwa lanqas illi hadd mill-ufficjali taghhom, inkluz is-Sur Harrison, ma jghidulhomx u ma jsaqsuhomx fuq il-post stess kienux gharfu lill-passiggier u jekk le rawx xi partikolarita` dwaru. L-istess mod kif gia` msemmi, r-raguni ghala l-akkuzat ma wegibx id-domandi fl-istqarrija hija cirkostanza li teffettwa l-kredibilita` in generali tieghu, anke b'dan il-mod dan il-fatt gdid taz-zewg pulizija ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghall-istess skop. Din ic-cirkostanza ma taffettwax biss il-kredibilita` taghhom izda turi fuq bazi ta' probabilita`, peress li hija inverosimili, li din hija holqa ohra minn katina ta' cirkostanzi li tnissel dubju ragjonevoli fil-kaz tal-prosekuzzjoni u turi kif il-kaz qed jitpogga go fatti u mhux kif il-fatti jinkwadraw fil-kaz.

• Is-sub-artikolu immedjatament qabel dan juri wkoll fuq bazi ta' linja gwida imsemmija l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li dak li ddeponew dawn iz-zewg puizija ma hux konsistenti. Mhux biss, imma l-uzu tal-istess kliem dwar il-partikolaritajiet tal-passiggier juru bl-aktar mod car li din kienet frazi miftehma minn qabel.

"Dan it-tieni stadju jigi marbut mal-ewwel stadju ta' hdejn il-gabbana tal-gelati u t-tielet stadju, cioe` l-allegata tieni migja tal-karozza Peugeot bajda, permezz ta' messagg minghand Neil Harrison li l-istess vettura ser tavvicina lejhom. Skond l-istess zewg pulizija dan id-dettal inghata lilhom kwarta wara li kien sehh l-allegat fatt tal-passiggier ipoggi l-imsemmija xkora li issa kienu jafu li kienet bid-droga. Minn dan il-fatt ta' x'ra is-sur Harrison li jammonta ghal dictum de dicto, johorgu certa cirkostanzi importanti li wiehed, fuq bazi ta' probabilta`, jaghmel meta jhaddem ir-raguni tieghu. Jerga' jinghad illi ma hux gust, illi l-prosekuzzjoni tistrieh billi taghmel effett, ibbazat fuq prova inammissibli biex torbot dawn l-istadji, pero` ghad-difiza mhux permess illi jigu maghmula s-segwenti valutazzjoni tac-cirkostanzi li jemergu u cioe`:

• Kieku Neil Harrison veru ra l-istess karozza gejja lejn id-direzzjoni ta' Triq San Gwann l-Evangelista, kien jimmobillzza t-tlett *units* l-ohra li kellu, li bhal ma l-pulizija go Triq San Gwann Evangelista kienet hemmhekk biex originarjament taghlaq it-triq, hekk ukoll it-tlett *units* l-ohra setghu jintuzaw ghall-istess skop. Mhux biss, imma ta' lanqas huwa bil-*unit* tieghu kien deskretament isegwi lill-Peugeot biex meta tidhol fi Triq San Gwann l-Evangelista jkun pront imur warajha, waqt li *unit* ohra kienet timblokka l-uscita ohra ghat-triq principali.

• Allavolja inammissibli, il-pulizija tallega, pero` qatt ma ppruvat, illi l-kuntatt bejn il-Peugeot u l-Kia Avella hadra hdejn il-gabbana kien wiehed instantanju li ma damx minuta jew tnejn fil-massimu ipotezi. Il-prova taz-zewg pulizija li kien hemm interval ta' kwarta imeri illi dik l-istess vettura li allegatament ghamlet kuntatt kienet l-istess wahda li marret fi Triq San Gwann Evangelista fit-tielet stadju.

• Fl-eventwalita` Ii Neil Harrison kien ra din il-Peugoet taghmel kuntatt, I-istess pulizija fi Triq San Gwann Evangelista kienu wkoll jisimghu I-istess messagg u kienu wkoll jigu nfurmati. Dwar dan ma xehedu assolutament xejn.

• ll-probbabilita` ghalhekk hija illi l-pulizija vicin hafna l-gabbana ma xehdux ghaliex ma setghux jaghtu dettalji illi jikkombaccjaw ma' dak li allegaw iz-zewg pulizija fi Triq San Gwann Evangelista. Hi ghalhekk cirkostanza valida fl-assjem ta' cirkostanzi ohra illi l-ispettur Grixti jghid li kien edott mill-*video recording* Ii rah ghand is-Sur Harrison ta' x'allegatament gara hdejn il-gabbana tal-gelati u dan qatt ma gie esebit. Il-pulizija kellha d-dmir illi tesebixxi kull prova favur jew kontra. Il-mankanza fl-ezercizzju ta' tali dmir hu cirkostanza importanti hafna fil-katina ta' cirkostanzi ohra.

"Fit-tielet stadju go Triq San Gwann l-Evangelista, allavolja suppost kellhom pre-avviz li l-istess vettura kienet ser tavvicina, dawn li originarjament kellhom istruzzjoni li jekk tigi vettura li tkun involuta f'delitt jaghlqulha t-triq biex tinqabad, ma ghamlu xejn minn dan. Il-buon sens jiddetta illi l-aktar facli kienet tkun li jaghmlu hekk biex allura din il-Peugeot bajda tigi imblukkata. Tenut kont li allura z-zewg pulizija suppost kienu diga` raw lill-passiggier "mibni, b't-shirt bajda u ssikkata mieghu" ma kienx ikollhom diffikolta` li hu l-istess persuna meta jibblukkaw il-karozza. Din ic-cirkostanza turi illi in realta` huma ma kellhom l-ebda dettal ta' partikolarita` tal-persuna tal-passiggier u li din biss issemmiet fil-guri sabiex igibu l-bocca hdejn il-likk sabiex minghalihom jippruvaw li allura kienet l-istess vettura. Din ukoll hi cirkostanza li tghaqqad ma' cirkostanzi ohra.

"Hemm imbaghad dawn is-segwenti cirkostanzi li huma wkoll ta' importanza:

• Iz-zewg pulizija msemmija jghidu illi huma ma riedux illi f'dan l-istadju jinzel il-passiggier, jiehu l-ixkora u jahrab biha minghajr ma jzommuh. L-aktar haga facli allura kellha tkun li jnehhu l-blokok u li jhallu biss I-ixkora. Kif inghad, il-borza kienet wara hajt fuq il-lemin int u diehel mill-fetha. Huma kienu tlett pulizija. Facilment, il-buon sens jiddetta, illi wiehed minnhom kien imur wara l-istess cint vicin fejn kienet l-ixkora, ihallu illi dan jinzel mill-karozza ghaliha u jassaltawh. Minflok, huma jghidu illi wiehed qaghad vicin l-entrata tal-fetha qalb il-haxix, u t-tnejn l-ohra warajh fuq l-istess naha. Kif inghad, wiehed ma xehedx, wiehed jghid li sema' Iix-xufier jghid "hawn il-pulizija" u l-iehor ma semax dan il-kliem. Il-karozza issuq b'ghagla minn fuq il-post kif il-puizija rrankaw ghal fuqha u wiehed minnhom spara tir. Din l-ahhar cirkostanza qatt ma giet kontradetta mill-akkuzat li ammetta li kien hemm darba u wahda f'dak il-hin, indika r-raguni ghalfejn, u li saq b'ghaggla meta hasduh u bdew jisparaw it-tiri.

• Il-prova li ghandha wara ghaildak Ii jirrigwarda l-allegat xena tad-delitt huma ritratti illi juru l-ixkora u dak kontenut fiha bil-figura ta' Neil Harrison jipponta lejn l-istess. Dan ifisser li kien xi hin wara meta l-Magistrat ta' lnkjesta giet infurmata u allura hatret il-fotografu bhala perit. Hafna importanti hija c-cirkostanza li meta l-prosekuzzjoni staqsiet bil-kalma kollha tal-vuci tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Bugeja, x'jidher li qed jaghmei is-Sur Harrison f'dan ir-ritratt PS213, wiehed miz-zewg pulizija li kien qabel fi Triq San Gwann Evangelista jghid li s-Sur Harrison qed jipponta fejn kien halla hu stess l-ixkora. II-Qorti intervjeniet b'certu insistenza dwar dak Ii kien ghadu kif qal dan ix-xhud.

Din ic-cirkostanza flimkien mac-cirkostanzi l-ohra li ssemmew u ghad iridu jissemmew, fuq bazi ta' probabilita` tista' turi r-raguni ghalfejn it-tielet pulizija ma xehedx u ghaliex l-istess Neil Harrison ma xehedx. Kif inghad, PS 213 ma kienx xi pulizjot gdid fil-korp u hemm hafna differenza fis-sostanza bejn qed jipponta fejn dak il-passiggier halla l-ixkora u bejn fejn Neil Harrison kien pogga din l-istess xkora. Din ic-cirkostanza tkompli tinghata aktar sahha meta wiehed iqis li la d-difiza u lanqas il-Qorti ma kienet b'xi mod qed issaqsi xi haga illi dan ix-xhud kif lanqas id-domanda tal-abbli prosekutur ma kienet xi wahda komplikata jew maghmula lix-xhud b'xi aggressivita` jew ton li jindika tfixkil.

• Nafu wkoll li l-ispettur Grixti, kif jistqarr hu stess, lanqas biss jersaq lejn il-post fejn allegatament instabet din l-ixkora, wisq anqas ma sar xi access f'dik l-ghalqa.

• Imbaghad hemm ic-cirkostanzi kollha ta' kif tqabbdu l-periti, min suppost kellhom ikunu u x'suppost kellhom jaghmlu. Dwar dan diga` saru sottomissjonijiet li l-esponenti jidhirlu m'ghandhomx jergghu jissemmew f'din it-taqsima. Bizzejjed jinghad pero` illi dawn huma wkoll, fl-umili fehma tal-esponenti, cirkostanzi ferm importanti illi maghquda mac-cirkostanzi premessi legittimament u ragjonevolment inisslu dubju ragjonevoli dwar kemm il-pulizija kellha provi diretti kontra l-akkuzat in kwantu l-allegati fatti fuq l-allegat xena tad-delitt.

• Indubjament, il-pulizija kellha numru ta' vettura illi issa ttiehed f'dan it-tielet stadju u allura riedet tikkonkludi li kien ix-xufier ta' din il-vettura li kien responsabbli ghal dan l-allegat reat. Kwindi b'dan il-hsieb go mohh l-investigaturi huma riedu jassiguraw ammissjoni ossia xi prova diretta jew cirkostanzjali biex torbot lill-akkuzat mal-allegat reat. Din mhix kongettura, izda domandat l-istess spettur ghalfejn kien qed jaghmel certa domandi Iill-akkuzat, wara hu jistqarr illi pprova jassigura ammissjoni.

• Iz-zewg pulizija jghidu li fil-Peugeot kienu zewg persuni, ix-xufier u l-passiggier. Hareg bl-aktar mod car illi l-pulizija kienet qieghda tallega u fil-fatt arrestat lil certu Azzopardi li skondha kien il-passiggier. Lil dan qatt ma ngungietu bhala xhud. Pero`, mill-provi jirrizulta illi PC1525 kien ordnat jezamina l-karozza Peugeot tal-esponent ghall-marki tas-swaba minn gewwa, u fuq in-naha tal-passiggier nstabu impronti digitali li meta mqabbla ma' dawk ta' Azzopardi ma tawx rizultat pozittiv. Din hi cirkostanza ohra li tmeri t-tezi tal-pulizija u li ssahhah ix-xiehda tal-esponenti illi hu f'dak it-tielet stadju kien wahdu. Meta l-ixkora bid-droga ttiehdet fil-Iaboratorju forensiku tal-Pulizija, l-ispizjar Mifsud jindika hi prezenti f'dik il-kamra kien hemm dak l-istess pulizija li kien it-tielet wiehed go Triq San Gwann Evangelista, li qatt ma gie ngunt biex jixhed. Dan kien fil-prezenza tal-istess Neil Harrison u dak iz-zmien Assistent Kummissarju Paul Debattista u l-ispettur Grixti. Din ic-cirkostanza turi li dan il-pulizija kien altru minn importanti ghax jidher li ha sehem attiv sal-ahhar meta kienet qed tinfetah din id-droga.

"Hemm is-segwenti cirkostanzi importanti x'jittiehdu in konsiderazzjoni:

• Ic-cirkostanza ta' kunflitt fil-provi bejn dak li qal l-ispizjar Mifsud u PC1525 hu hafna rilevanti. Fuq bazi ta' probabilita` l-ispizjar Mifsud hu l-persuna kredibbli u

mhux PC 1525. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li l-ispizjar Mifsud hadem skond il-procedura solita fejn kull blokka ittiehdilha ritratt bin-numru u ritratt iehor ta' kull blokka fuq il-mizien sabiex jiddokumenta anke l-uzin, mhux bl-istess mod mexa PC 1525. Kif intqal, PC 1525 li kien awtorizzat jiehu ritratti ma ndenjax ruhu fil-prezenza ta' fotografu jitlob li jittiehed ritratt wiehed biss tal-ftuh tal-*plastic tape* minn mal-blokok u lanqas ritratt wiehed li hu wiehed tal-*powdering* ghall-marki tas-swaba. Dawn in-nuqqasijiet huma cirkostanzi fis-sensiela ohra ta' cirkostanzi li juru fuq bazi ta' probbabilita` li l-pulizija riedet issib prova cirkostanzjali biex lil dak il-persuna li dehrilha li hu l-awtur jew komplici tar-reati addebitati tkun tista' jkollha provi dwar ir-reita` tieghu. Issir kemm issir gustifikazzjoni dwar l-operat ta' PC 1525 u ssir kemm issir emfasi illi dan hu perit tal-Qorti u ghandu l-fiducja taghha, dawn in-nuqqasijiet huma ostakoli fil-vera skop tal-ligi li tigi konservata prova daqstant importanti biex wiehed ikun jista' jikkontrollaha.

• Li hu ferm importanti bhala cirkostanza hija x-xhieda ta' Joe Mallia illi jghid illi r-ritratt tal-impronta fuq blokka numru wiehed ittiehed qabel ma dan gie illiftjat. Jekk wiehed dejjem ser jirritjeni illi dan il-perit ghandu l-hila u s-sengha specjali fuq il-materja, zgur ma jistax jinghad Ii qed jizbalja fuq dan il-fatt. Issa l-perit li tqabbad ghall-fotografija qatt ma esebixxa jew qal li ha xi ritratt tal-impronta qabel ma din giet illiftjata. Dawn ic-cirkostanzi ikomplu mhux biss imeru lil PC 1525 li qal il-kuntarju izda jkomplu juru fuq bazi ta' probabilita` illi I-perit imsemmi kien qed jostor it-*tracks* tieghu biex wiehed ma jkunx jista' jikkontrollah.

• PC 1525, kif diga` inghad, mistoqsi in kontro-ezami, jaghti diversi versjonjiet fejn spiccaw it-tlettax il-plastic tapes, kull wahda ma' kull sapuna. L-ewwel jipprova jfarfar minn fuqu u jghid li tahom lill-ispizjar. Komoda din ir-raguni, pero` hija cirkostanza illi turi li l-istess perit irid ifarfar minn fuqu. Meta jigi muri illi l-ispizjar jghid fir-relazzjoni tieghu,kontrarjament ghal dak Ii kien qal hu, li l-ewwel ma sar kien li tnehha il-*plastic tapes* minn mal-blokok u mbaghad l-ispizjar ghaddiehom lilu biex ikun jista' jaghmel l-ezamijiet ghall-impronti digitali, PC 1525 jghid li tahom lill-Magistrat tal-lnkjesta meta halef fir-relazzjoni. Dan hu merut mill-istess digriet tal-Magistrat tal-Inkjesta li jindika biss li meta PC 1525 halef ir-relazzjoni prezenta biss *lifters* u ritratti ta' *lifters* izda mhux il-*plastic tapes*. Din hija cirkostanza ohra f'katina ta' cirkostanzi Ii turi li PC 1525 li kien responsabbli mill-konservazzjoni ta' dawn l-esebiti qieghed ipoggi lill-imhallfin tal-fatt u lill-istess akkuzat li bl-ebda mod ma jista' jikkontrolla dak Ii fil-fatt kien qed jallega kwantu l-marka tas-sabgha misjuba fuq il-*plastic tape* ta' blokka numru 1. Bir-rispett, l-ebda gustifikazzjoni ghal-operat ta' PC 1525 ma tista' thalli dan l-effett ingust anzi ghal kuntrarju qieghda turi fuq bazi ta' probabilita` sistema ta' kondotta generali fl-operat tieghu fejn ghal darb'ohra qed jostor kull *track* li biha jista' jigi kkontrollat.

• Skond ma jixhed l-Ispettur Nezren Grixti meta l-akkuzat gie arrestat mill-ewwel ittiehdulu l-marki tas-swaba tieghu fil-laboratorju forensiku tal-pulizija. Dan kien bejn wiehed u iehor bejn is-saghtejn u l-erbgha ta' wara nofishar tad-dsatax (19) ta' Mejju 2006. Cirkostanza ohra importanti hija illi fl-lstruttorja, ghalkemm l-ispettur Grixti qal li kien ser jesebixxi dawn il-formoli tal-marki tas-swaba tal-akkuzat mehuda fid-19 ta' Mejju 2006, dan qatt ma ghamlu. Cirkostanza ohra hija

illi PC 1525 Ii jahdem fl-istess iaboratorju forensiku jghid illi ma kienx jaf Ii fid-19 ta' Mejju kienu ttiehdu fl-istess laboratorju l-marki tas-swaba tal-akkuzat. Jghid ukoll illi allavolja hu pulizija qatt ma jkun hemm xi diskors bejnu u bejn superjuri tieghu dwar dak Ii jkun ghamel jew sab. Bir-rispett, dan m'ghandux mis-sewwa. Fl-ewwel lok, skond *computer print-out* ta' ingrandiment tal-marka tas-sabgha tal-akkuzat Ii suppost nstabet fuq blokka numru 1, din saret minnu fid-19 ta' Mejju stess f'4.37pm li hu l-hin approssimattiv meta l-akkuzat kienu hadulu l-ewwel darba l-marki tas-swaba. Fit-tieni lok, hu inverosimili illi ufficjal investigattiv ma jiddjaloga bl-ebda mod ma' pulizija fl-istess kwartieri biex isaqsi jew ikollu taghrif dwar dak li kien qed isir jew instab.

"Mbaghad fis-26 ta' Mejju 2006 jitqabbad Joe Mallia biex jiehu l-marki tas-swaba tal-akkuzat u jikkompara. Hawnhekk ghandhom isiru s-segwenti sottomissjonijiet dwar cirkostanzi ta' natura importanti u cioe`:

• Dan il-perit jipprezenta relazzjoni tieghu fi zmien erbat ijiem u cioe` fit-30 ta' Mejju 2006. Ezami tar-relazzjoni tieghu, turi bl-aktar mod car fid-diversi partijiet taghha illi hu dejjem jikkompara l-marki tas-swaba tal-akkuzat li kien ha mal-*lifter* li suppost eleva PC 1525. Din hi cirkostanza importanti hafna ghaliex f'temp ta' erbat ijiem, meta allura Joe Mallia qed jipprepara u jikteb ir-relazzjoni tieghu kollox kien ghadu frisk f'mohhu u kien improbabli jekk mhux impossibli illi jiehu zball f'fatt sostanzjali u importantissimu ta' fuq x'hiex hadem. Meta xehed fil-guri, allura snin wara, issa jghid li ma kienx hadem biex iqabbel fuq il-*lifter* imma fuq ritratt ingrandit li kien ghamel PC 1525 fid-19 ta' Mejju 2006 f'4.37pm hawn fuq imsemmi. Hu ma jaghti l-ebda raguni ghal dan l-izball. Il-Qorti fl-indirizz taghha espremiet illi perit jghaddi zmien u jista' jkun nesa izda dan ma jistax jkun il-kaz meta qeghdin nitkellmu fuq din ic-cirkostanza importanti. Din ma hiex materja li wiehed jinsa. Din ic-cirkostanza flimkien mac-cirkostanzi kollha premessi jkomplu jaghtu kwadru ta' dubji ragjonevoli fl-operat ta' min miss ma' dan il-kaz.

• Joe Mallia jaghti raguni mhux ghall-izball imma ghalfejn hu wasal ghall-konkluzzjoni ta' 14-il punt bl-ezatt. Qal li minn fuq il-*lifter* hu ma setax isib l-I4-il punt ghax il-*lifter* ma kienx car u ma kienx ta' kwalita` tajba. Din ic-cirkostanza tkompli tixhed hafna aktar dubji ragjonevoli. Il-mistoqsija tohrog wehidha: jekk allura minn fuq il-*lifter* ma setax jasal ghall-erbatax il-punt, kif sostna bil-gurament tieghu quddiem il-Qorti Istruttorja u meta halef ir-relazzjoni tieghu quddiem il-Magistrat tal-Inkjesta li hu sab erbatax il-punt minn fuq il-*lifter*? Ghaliex hu propju fil-guri illi hu mill-ewwel fl-ezami beda jlaqlaq u jdur mal-lewza qabel il-break tas-siegha sabiex jfiehem illi hu qatt ma hadem minn fuq l-original? Ghaliex wara dan il-*lunch break* il-prosekuzzjoni ma komplietx issaqsih domandi fuq il-linja li kien qed jitkellem qabel u minflok regghet marret mill-ewwel ghal qari tar-relazzjoni? Ovvjament tali perit ma jigix appartat. Pero` minghajr ebda riflessjoni fuq xejn u hadd, hija hafna stramba c-cirkostanza kif dan il-perit wara l-*break* tas-siegha bidel id-direzzjoni tieghu.

• Diga` saru sottomissjonijiet dwar l-operat tal-imsemmi Joe MaIlia kwantu l-konkluzzjoni tieghu dwar l-erbatax il-punt taht it-taqsima 'indirizz tal-lmhallef'. L-esponenti ma jidhirlux li ghandu jerga' jirrepeti l-istess f'din it-taqsima. Jinghad pero` illi hija cirkostanza ferm importanti kif Joe Mallia li ghandu l-hila u

s-sengha specjali u jaf li l-konkluzzjoni tieghu hija wahda soggettiva, li ma jurix lill-gurija s-similarita` b'mod viziv ta' diversi fatturi li l-awturi in materja jsemmu li ghandhom jintwerew meta marka tas-sabgha jinghad li hija l-istess bhal dik ta' persuna specifika.

• Ma hemmx dubju li Joe Mallia jaqbel mac-cirkostanzi li hemm sitt punti illi mhumiex cari fil-*lifter* minhabba li dan mhux car u mhux ta' kwalita` tajba. Ghal Qorti kien bizzejjed li min ghandu jiggudika minn fatt ghandu joqghod fuq min il-Qorti ghandha fiducja fih. A kuntrarju hawnhekk, l-esponenti a skans ta' ripetizzjoni, jippuntwalizza c-cirkostanzi kollha li diga` ssemmew dwar *mislabeling* u *misidentification.*

"Hu importanti wkoll f'dan iI-kaz li wiehed jghaqqad ic-cirkostanzi kollha premessi mal-mod kif l-akkuzat gie ttrattat mill-investigaturi tieghu waqt id-detenzjoni tieghu fid-depot. Dawn ic-cirkostanzi huma s-segwenti:

• Kif jista' jidher mill-atti tal-lstruttorja f'domandi li saru lill-pulizija, d-difiza mill-ewwel affermat illi l-akkuzat kien gie mhedded mill-istess investigaturi tieghu. Issemmew ukoll il-mezzi li gew uzati ghal tali intimidazzjoni u cioe` lembuba *telescopic* u *baseball bat*.

• L-ispettur u wiehed mill-pulizija li kienu prezenti fil-kamra cahdu dan u cahdu wkoll illi f'dik il-kamra f'dak il-hin kienu jezistu l-mezzi msemmija. Minhabba f'din l-allegazzjoni l-Qorti lstruttorja kienet ordnat li dak il-in stess minghajr pre-avviz jigi jixhed il-persuna l-ohra li kienet presenti waqt l-interrogazzjoni PS Samuel Attard. Dan gie u xehed u kkonferma dak li qal l-akkuzat li fil-kamra f'dak il-hin ta' l-interrogazzjoni kien hemm sew lembuba *telescopic* u *baseball bat*. Ovvjament cahad li saret xi intimidazzjoni b'dawn il-mezzi.

• Fuq bazi ta' probabilita` dak li xehed l-istess akkuzat dwar it-trattament li nghata gie pruvat. Fl-ewwel lok, kieku dawn ma gewx murija lilu waqt l-intimidazzjoni, hu qatt ma seta' jkun jaf bl-ezistenza taghhom, ezistenza konfermata mill-istess PS Attard. Cirkostanza ohra fit-tieni lok li tkompli ssahhah lill-akkuzat hi li waqt il-guri PS Attard issa jibda jaghti kulur lill-istampa u jghid illi l-*baseball bat* kienet go borza wara *filing cabinet* u l-lembuba kienet fuq l-iskrivanija. Fuq bazi ta' probabilita` dan mhux kredibbli. Kieku kif qed jghid hu, l-akkuzat ma kienx jaraha wara l-*filing cabinet* u lanqas kien ikun jaf li l-lembuba kienet tip *telescopic*. In ogni caso, kemm l-ispettur u l-pulizija l-iehor anke fl-istadju tal-guri ma jghidux il-verita` ghaliex ikomplu jsostnu li dawn il-mezzi ma kienux fil-kamra waqt l-investigazzjoni meta kien hemm l-akkuzat. Jerga' jintqal illi kif il-Qorti indirizzat lill-gurija biex tevaluta l-kredibilita` tax-xhieda in generali tal-akkuzat ghar-raguni li hu ta li hi l-istess wahda in ezami ghalfejn ma kompliex iwiegeb domandi fl-istqarrijiet, l-istess ghar-rigward ta' dawn it-tlett membri fil-korp, dawn ic-cirkostanzi kellhom jigu mill-gurija mehuda in konsiderazzjoni sabiex jaraw il-kredibilita` tax-xhieda taghhom in generali.

• Cirkostanza ohra li tixhet ukoll dubju ragjonevoli fl-operat tal-pulizija kien il-fatt illi fl-ewwel stqarrija tal-akkuzat fid-19 ta' Mejju 2006 l-ispettur isaqsih dwar xi weraq li nstabu fil-kompartiment tal-bieba tax-xufier tal-karozza Peugeot u jekk din kienetx haxixa. Il-provi juru illi sa dan l-istadju l-pulizija ma kellhiex ic-

cwievet ta' din il-vettura u kellha biss l-istess l-ghada 20 ta' Mejju. Legittimament u ragjonevolment wiehed isaqsi, meta din il-vettura kienet imsakkra, kif infethet biex l-ispettur seta' jara l-weraq imsemmi f'kompartiment li jigi mal-genb tas-seat tax-xufier? L-ispettur ma joffri l-ebda spjegazzjoni. Pero` fuq bazi ta' probabilita` kollox jindika li l-pulizija fethet din il-karozza minghajr ebda awtorizzazzjoni.

• PC 1525 jghid li l-ispettur Grixti (meta dan suppost skond hu ma jiddjaloga xejn mieghu dwar kif ghandu jahdem u jsib) qabdu ifittex u jeleva *fingerprints* gewwa l-istess Peugeot. L-ispettur Grixti jichad dan. Wiehed leggittimament isaqsi: imma kif anke fuq fatt daqstant sinjifikattiv zewg xhieda qeghdin imeru lill-xulxin? Wiehed jista' facilment jiskarta dan il-punt bhala haga li mhi xejn. Li hu sinjifikattiv hu li meta PC 1525 idur il-karozza minn gewwa n-naha tax-xufier ma jsib l-ebda marka, wahda li hi wahda, biex ulterjorment titqabbel ma' tal-akkuzat. Wiehed isaqsi, kif jista' jkun fuq bazi ta' probabilita` li sewwieq Ii juza' dik il-karozza u li r-ritratti juru li ma kienetx imnaddfa minn gewwa, anzi b'hafna imbarazz, ma jsib lanqas biss marka wahda. Ragjonevolment u fuq bazi ta' probabilita` hu sab, izda l-mankanza ta' dan, probabilment ghandha hafna sinjifikat meta jigi kkunsidrat ukoll illi l-pulizija kellha l-marki tas-swaba tieghu Ii ttiehdu fid-19 ta'Mejju 2006.

"Meta wiehed jara l-inkonsistenzi, l-inverosimiljanza u n-nuqqas ta' kredibilita`, f'dan kollu premess, wiehed jista' jara u jifhem ahjar is-sottomissjonjiet li saru mill-esponenti fit-taqsima 'L-lndirizz tal-lmhallef'. L-unika spjegazzjoni li tista' tinghata hija li l-gurija, bir-rispett, indirizzata bil-mod kif giet indirizzata ma fehmitx illi dawn ic-cirkostanzi kollha premessi huma kollha intizi biex juru li kien hemm dubju ragjonveli fil-provi tal-prosekuzzjoni. Hu ghalhekk illi kif diga` gie sottomess f'dan iI-kaz kien hemm applikazzjoni u interpretazzjonji zbaljata tal-ligi li setghet influwenzat il-verdett tal-gurija.

"FI-ahhar nett, l-esponenti jaghmel riferenza ghax-xhieda tieghu stess illi turi fuq bazi ta' probabilita` li dan kien kaz ta' persuna *spotted at the wrong place and at the wrong time* fejn il-pulizija dehrilha li tali prezenza tammonta ghall-reita` u kwindi in mankanza ta' ammissjoni ppruvat taqbad il-kaz sabiex tpoggieh go fatti u mhux tara kif il-fatti pruvati realment jinkwadraw fil-kaz."

**41.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha fir-rigward taż-żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.[19] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni

[19] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21

tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre semgħet ix-xiehda ta' l-appellant fuq it-*tape*, ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, inkluż ta' l-appellant stess, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri (salv xi osservazzjoni li din il-Qorti għamlet *supra*), waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija taż-żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

(iii) Diversi sottomissjonijiet li saru mill-appellant fir-rigward ta' dan l-aggravju huma ripetizzjoni ta' lmenti jew aggravji li diġa` ġew trattati f'din is-sentenza, prinċipalment il-kwistjoni ta' l-impronta misjuba fuq waħda mill-blokok. Din il-Qorti diġa` tat il-fehma tagħha fir-rigward. Iżda ssaqsi: jekk għall-grazzja ta' l-argument il-ġurati ma ħadux in konsiderazzjoni l-imsemmija impronta, kien hemm provi oħra suffiċjenti li a bażi tagħhom setgħu jsibu ħtija?

(iv) Issa, mill-provi jirriżulta illi fit-18 ta' Mejju 2006 il-Pulizija ta' l-iskwadra kontra d-droga kellhom xi informazzjoni relatata mat-traffikar tad-droga. Numru ta' *units* tqassmu f'postijiet differenti f'Baħar iċ-Ċagħaq. Fosthom kien hemm *unit* magħmula minn P.S. 579 Antoine Micallef, P.C. 213 Nicolai Borg u P.C. 396 li kellhom struzzjonijiet joqogħdu fi Triq San Gwann l-Evanġelista u jistennew struzzjonijiet. Dan il-*unit* kien intiż bħala *back-up*.

(v) P.S. 579 u P.C. 213 xehdu li marru fl-imsemmija triq u ddeċidew li jidħlu ġo għalqa wara s-siġar li kien hemm. Qagħdu fil-vettura tagħhom (Golf bajda) wiċċha lejn l-entratura ta' l-għalqa. Ix-xufier kien P.C. 213 u P.S. 579

ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

passiġġier quddiem. Skond dawn iż-żewġ xhieda, għall-ħabta tas-7.00 p.m. waqfet Peugeot 406 bajda ħdejn l-entratura u li fiha kien hemm żewġ persuni. Il-pulizija żżerżqu fis-s*eat* tagħhom biex ma jiġux notati. Mill-Peugeot niżel il-passiġġier li ġie deskritt minn P.S. 579 bħala "raġel magħqud ħafna, jidher magħqud bi flokk abjad issikkat, xagħru qasira" u minn P.C. 213 bħala "li kien liebes t-shirt abjad u kien jidher li hu bniedem magħqud". Dan kellu xkora tal-karti f'idejh li poġġa wara ċ-ċint fl-għalqa u reġa' mar jirkeb il-Peugeot. P.C. 213 jiddeskrivi dak li għamel dan ir-raġel bħala li "kienet xi ħaga *fast*". Il-Peugeot kienet ġiet min-naħa ta' fuq u telqet fid-direzzjoni tal-bajja ta' Baħar iċ-Ċagħaq. P.S. 579 mar jara x'kien hemm fl-ixkora u sab li kien hemm blokok suspettati raża tal-cannabis. P.C. 213 informa b'dan lis-Supretendent Neil Harrison permezz tar-*radio*. Dak il-ħin marru viċin ta' l-ixkora biex kemm-il darba jiġi xi ħadd għaliha jkunu jistgħu jaqbduh. Wara xi minuti reġgħet ġiet dik li skond dawn ix-xhieda kienet l-istess Peugeot bajda – din id-darba mid-direzzjoni tal-bajja ta' Baħar iċ-Ċagħaq – u li fiha kien hemm żewġ persuni. P.S. 579 xehed li x-xufier beda jittawwal u jħares 'l hawn u 'l hemm biex jara jekk hemmx xi ħadd. Ix-xufier kien l-appellant u l-passiġġier kien liebes flokk abjad b'xagħru qasir u din il-persuna "kienet tixbah ħafna, ħafna lill-persuna li niżżel l-ixkora". Jgħid li x'ħin ċċaqalqu, ħarab bil-karozza. P.C. 213 kien l-aktar viċin l-entratura ta' l-għalqa u xehed li ra l-Peugeot ġejja u hemmhekk seta' jara x-xufier għax it-tieqa kienet imniżżla, li kien l-appellant. Jgħid li "meta kien qed isuq kien qed jiċċekkja 'il fuq u 'l isfel għax bdejt narah anke mill-mirja, iħares lura biex jara jekk hemmx xi ħadd, u beda javviċina ħafna lejja. Issa jiena ġejt viċin ħafna ma' wiċċu, ġejt ftit 'il bogħod qisu minn hawn u dan il-bank ... kif eżatti wasal ma' wiċċi mill-ewwel innotani. Issa jiena kont liebes ir-*raid jacket* ... kelli l-kelma 'pulizija' quddiem u kelli l-kelma 'pulizija' fuq wara ... mill-ewwel rajt lil Chris jgħid lil ta' ħdejh 'hawn il-pulizija', ta' ħdejh kien l-istess wieħed dak tat-t-shirt abjad li niżżel l-ixkora, rajtu mill-ewel jgħidlu 'hawn il-pulizija', u minn hemmhekk ħriġt niġri għax kont l-iżjed wieħed viċin u ħriġt niġri pruvajt noħroġlu għan-nofs, pero` Chris saq ... bi speed kemm jiflaħ jaqla' għax qala' bi speed qawwi ħafna."

(vi) L-appellant ma jiċħadx li kien fil-post. Il-verżjoni tiegħu, pero`, hi li kien ġej minn Buġibba (fejn kien joqgħod) u peress illi kellu bżonn jgħaddi l-urina waqaf ħdejn il-latrina ta' Baħar-iċ-Ċagħaq iżda sabha magħluqa. Reġa' dawwar biex joħroġ u kien hemm karozza li waqfet quddiemu u ħareġ minnha raġel li mar fuqu u saqsieh għandux *lighter*. Huwa tah wieħed u qallu biex iżommu għax kellu ieħor. L-appellant ħareġ fid-direzzjoni ta' l-iSplash and Fun iżda peress illi kien sab il-latrina magħluqa ddeċieda li jdawwar lura lejn Buġibba. X'ħin dar mat-*traffic island* faċċata ta' l-iSplash and Fun, pero`, daħal fi Triq San Ġwann l-Evanġelista biex jara jsibx fejn seta' jagħmel l-urina. X'ħin daħal u kien hemm parti wiesa' ħareġ raġel jgħajjat u beda jispara. Jinsisti li kien waħdu. Jiġifieri l-verżjoni ta' l-appellant hi fis-sempliċita` tagħha li *he was in*

*the wrong place at the wrong time*. Jilmenta li waqt l-interrogazzjoni huwa kien mhedded b'lembuba żgħira u *baseball bat* u kien għalhekk illi ma riedx iwieġeb il-mistoqsijiet ta' l-Ispettur, u inoltre li l-pulizija bdew jiżżufjettaw bih meta beda jgħid x'xogħol jagħmel. L-Ispettur Nezren Grixti ċaħad dan f'konfront ma' l-appellant.

(vii) Mela l-ġurati kellhom quddiemhom dawn il-verżjonijiet djametrikament opposti. Kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[20]. Il-kriterji msemmijin f'dak l-artikolu huma l-kriterji li l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ndirizza lill-ġurati dwarhom.

(viii) Ċertament l-operat tal-pulizija ma kienx wieħed perfett, la fil-kors ta' l-operazzjoni li saret f'Baħar iċ-Ċagħaq, la fil-kors ta' l-investigazzjoni u lanqas in kwantu t-tmexxija tal-prosekuzzjoni. L-appellant jgħid illi dak li għamlet il-Pulizija kien li qabdet il-każ sabiex tpoggieh go fatti u mhux rat kif il-fatti pruvati realment jinkwadraw fil-każ. Evidentement din it-teżi ma ġietx aċċettata mill-ġurati. L-appellant irid illi jitwemmen illi kienet biss koinċidenza illi huwa daħal fi Triq San Ġwann l-Evanġelista. Pero` mbagħad ma jqisx verosimili li kienet koinċidenza li *unit* tal-Pulizija kienet fl-għalqa in kwistjoni.

(ix) Din il-Qorti, fid-dawl ta' dak kollu li qalet *supra* f'din is-sentenza, wara li eżaminat ix-xiehda kollha li ngħatat, tqis illi dak li xehdu P.S. 579 u P.C. 213 huwa ferm verosimili u għalhekk il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu li kienu qegħdin jgħidu l-verita`.

(x) Din il-Qorti skartat għal kollox dak li seta' ġara fil-bajja ta' Baħar iċ-Ċagħaq, "ħdejn tal-ġelati". Jista' xorta jingħad li l-verdett fir-rigward ta' l-Ewwel Kap, ir-reat ta' assoċjazzjoni, kien korrett?

(xi) Fis-sentenza tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Ellul**,[21] din il-Qorti diversament komposta kienet irreferiet għal dak li jintqal f'**Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003** dwar l-assoċjazzjoni**:**

> **"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: *Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; *R. v. Warburton* (1870) L.R. 1**

[20] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.
[21] Sentenza tas-17 ta' Marzu 2005.

**C.C.R. 274; *R. v. Tibbits and Windust* [1902] 1 K.B. 77 at 89; *R. v. Meyrick and Ribuffi*, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: *O'Connell v. R.* (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1.** [22]

**….**

**"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: *R. v. Parsons* (1763) 1 W.Bl. 392; *R. v. Murphy* (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a 'matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them': *R. v. Brisac* (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in *Mulcahy v. R.* (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."** [23]

(xi) Tirreferi wkoll għal dak li jintqal f'**Blackstone's Criminal Practice** 2008:[24]

**"There are no special evidential rules peculiar to conspiracy. In *Murphy* (1837) C C & P 297, proof of conspiracy was said to be generally 'a matter of inference deduced from certain criminal acts of the parties accused', but there is no actual need for any such acts, and conspiracies may also be proved, *inter alia*, by direct testimony, secret recordings or confessions…".**

(xii) U bħalma ntqal minn din il-Qorti diversament komposta f'**The Republic of Malta v. Steven John Lewis Marsden** deċiż fit-2 ta' Novembru 2009:

**"13. This appears to be also the position in Scots law. Professor Gerald Gordon, in his standard text The Criminal Law of Scotland [25] makes reference to the dictum of Lord Avonside in *Milnes and Others* (Glasgow High Court, January 1971, unreported) to the effect that "you can have a criminal conspiracy even if nothing is done to further it", adding that, indeed, this is the very essence of conspiracy[26]."**

(xiii) Fil-każ in eżami l-appellant flimkien ma' persuna oħra daħlu fi Triq San Ġwann l-Evanġelista biex jaħbu d-droga. Sussegwentement irritornaw, evidentement bl-iskop biex jerġgħu jiġbruha. B'kollox kien hemm erbatax-il blokka raża tal-cannabis tal-piż totali ta' 3402.7 grammi tal-valur ta' madwar €21,811. Evidentement din id-droga kienet intiża biex tiġi traffikata. L-uniku *inference* li setgħu jagħmlu l-ġurati mill-movimenti ta' l-appellant u l-persuna l-oħra hu li dawn kienu miftehmin biex jaħdmu kif effettivament ħadmu u li d-droga kienet se tiġi konsenjata lil terz/i. Il-fatt li d-droga ma twasslitx għand

---

[22] Ara para. 33-4, paġna 2690.
[23] *Op. cit.* Para. 33-11, page 2692.
[24] OUP, p. 99, para. A6.24.
[25] W. Green & Son Ltd. (Edinburgh), 1978, p. 203.
[26] See also the judgement of this Court of the 23 October 2008 in the names **The Republic of Malta v.John Steven Lewis Marsden**.

terz/i ma jeskludix l-assoċjazzjoni. Inoltre, kemm il-fatt li l-appellant mar fi Triq San Ġwann l-Evanġelista darbtejn mal-persuna l-oħra, kif ukoll ir-reazzjoni tiegħu meta nnota l-pulizija, juru l-konoxxenza sħiħa tiegħu ta' dak li tqiegħed fl-għalqa. Konsegwentement il-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jikkonkludu li l-appellant kien ħati taż-żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża.

**42.** L-aħħar aggravju huwa dwar il-piena li l-appellant iqis eċċessiva. Jgħid illi l-ewwel Qorti qabblet dan il-każ ma' sentenzi oħra tagħha sabiex ikun hemm uniformita`. Skond l-appellant, pero`, kien hemm kazijiet, bl-istess tip ta' droga fi kwantita` akbar, fejn kien hemm anke akkuza oħra ta' traffikar, fejn il-piena kienet relattivament differenti.

**43.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[27].

**44.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Difatti l-piena massima applikabbli f'dan il-każ, kif anke rikjesta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża fir-rigward taż-żewġ Kapi ta' l-Att ta' Akkuża hija dik ta' priġunerija għall-għomor.

**45.** B'referenza għal ġurisprudenza oħra, din il-Qorti dejjem sostniet li l-paraguni huma odjużi u kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-mertu tiegħu. Id-disparita` lamentata mill-appellant hi bejn is-sentenza moghtija fil-konfront tiegħu u dawk moghtija f'każijiet li mhumiex relatati. Bħalma jingħad f'Archbold, *Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. **571): "The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.)."**

**46.** Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-każ in eżami jirrigwarda ammont sinifikanti ta' droga. L-akkużi jittrattaw reati serji u l-piena trid għalhekk tirrifletti l-gravita` tagħhom. F'**Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial**, deċiż fid-19 ta' Frar 2004, intqal **"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-**

[27] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem*).**" Difatti, f' **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem**, intqal: **"Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, speċjalment fil-każ ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jiġu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni leġittima li Qorti tista', u ħafna drabi għandha, iżżomm quddiem għajnejha fil-għoti tal-piena…. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuża tad-"deterrent", tagħti piena li ma tkunx ġustifikata fuq il-fatti li jirriżultaw mill-provi."**

**47.** Wara li din il-Qorti qieset dan kollu, wara li qieset ukoll li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti mhux biss hi fil-parametri tal-liġi iżda hi ferm il-bogħod minn dik massima stabbilita mil-liġi, u li ġiet imposta mill-ewwel Qorti fid-diskrezzjoni tagħha, u wara li din il-Qorti għamlet ukoll eżami akkurat ta' l-atti, hi tal-fehma li ma hemm l-ebda raġuni valida legalment sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżerċitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena, kemm dik karċerarja kif ukoll dik pekunjarja.

**48.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tikkonferma fl-intier is-sentenza appellata, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjez peritali kif ukoll il-perijodu sabiex l-Avukat Ġenerali jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni jibdew jiddekorru millum.